



Kunsill Ewropew

Brussell, 21 ta' Lulju 2020
(OR. en)

EUCO 10/20

CO EUR 8
CONCL 4

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (17, 18, 19, 20 u 21 ta' Lulju 2020) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Hekk kif l-Ewropa tibki t-telfa ta' ħajjiet mill-pandemija tal-COVID-19, il-Kunsill Ewropew jesprimi l-akbar mogħdrija għall-vittmi u l-familji tagħhom. Hekk kif l-Ewropej ikomplu jiffaċċjaw sfidi straordinarji u inċertezza fil-ħajjiet ta' kuljum tagħhom, l-isforzi kollha tagħna ser jibqgħu ffukati fuq il-protezzjoni taċ-ċittadini u biex tingħeleb il-kriżi.

Il-kriżi tal-COVID-19 tippreżenta lill-Ewropa sfida ta' proporzjonijiet storiċi. L-UE u l-Istati Membri tagħha kellhom jadottaw miżuri ta' emerġenza biex jippreservaw is-saħħa taċ-ċittadini u jipprevjenu kollass tal-ekonomija. Bil-mod il-mod qed noħorġu mill-kriżi akuta tas-saħħa. Filwaqt li għad hemm bżonn tal-akbar viġilanza fir-rigward tas-sitwazzjoni sanitarja, issa l-enfasi nbidlet għal fuq il-mitigazzjoni tal-ħsara soċjoekonomika. Dan jeħtiegħ sforz bla preċedent u approċċ innovattiv, li jrawwem il-konverġenza, ir-reżiljenza u t-trasformazzjoni fl-Unjoni Ewropea. Fuq talba tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, fl-aħħar ta' Mejju l-Kummissjoni ppreżentat pakkett estensiv ħafna li jikkombina l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) futur u sforz speċifiku ta' rkupru taħt l-istrument Next Generation EU (NGEU).

Abbażi tal-konsultazzjonijiet estensivi li saru fil-livell tal-President tal-Kunsill Ewropew u l-ħidma li saret fil-Kunsill, dawn il-konklużjonijiet jippreżentaw soluzzjoni bbilanċjata li taqdi l-interessi u l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri kollha. Dan huwa pakkett ambizzjuż u komprensiv li jikkombina l-QFP klassiku ma' sforz ta' rkupru straordinarju maħsub biex jiġu indirizzati l-effetti ta' kriżi bla preċedent fl-aħjar interess tal-UE.

L-NGEU u l-QFP imorru id f'id. Għandna bżonn l-isforz ta' rkupru bħala rispons ta' malajr u effettiv għal sfida temporanja, però dan jista' biss jagħti r-riżultat mixtieq u jkun sostenibbli jekk ikun marbut mal-QFP tradizzjonali li ilu jsawwar il-politiki baġitarji tagħna mill-1988 u li joffri perspettiva fit-tul, u jkun f'armonija miegħu.

L-ewwel parti ta' dawn il-konklużjonijiet jindirizzaw l-isforz ta' rkupru, li huwa sinifikanti, iffukat u limitat fiż-żmien. Sinifikanti minħabba li l-effetti tal-kriżi huma estensivi. Iffukat għax għandu jkollu fil-mira r-reġjuni u s-setturi li huma l-aktar milquta mill-kriżi. Limitat fiż-żmien għaliex il-QFP u r-regoli li jirregolawh jibqgħu l-qafas bażiku għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Il-fondi addizzjonali ġġenerati mis-self tal-UE ser jiġu żborżati bħala għotjiet u self permezz tal-istrumenti u l-programmi tal-QFP. Dan jiżgura konsistenza u koerenza. Kemm l-NGEU kif ukoll il-QFP ser jgħinu biex l-UE tiġi ttrasformata permezz tal-politiki ewlenin tagħha, b'mod partikolari l-Ftehim Ekoloġiku Ewropew, ir-rivoluzzjoni diġitali u r-reżiljenza.

It-tieni parti tagħti ħarsa lejn il-QFP 2021-2027. L-approċċ huwa bbażat fuq il-proposta ta' Frar, li ġiet adattata biex tagħti rispons għall-kriżi tal-COVID-19 u fid-dawl tal-miżuri li ttieħdu taħt l-NGEU.

I. NEXT GENERATION EU

- A1. In-natura eċċezzjonali tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali minħabba l-kriżi tal-COVID-19 teħtieġ miżuri eċċezzjonali biex jiġu appoġġati l-irkupru u r-reżiljenza tal-ekonomiji tal-Istati Membri.
- A2. Il-pjan għall-irkupru Ewropew ser ikun jeħtieġ investiment pubbliku u privat massiv fil-livell Ewropew biex l-Unjoni titqiegħed bis-sod fuq il-perkors lejn irkupru sostenibbli u reżiljenti, bil-ħolqien ta' impjiegi u bit-tiswija tal-ħsara immedjata li gābet magħha l-pandemija tal-COVID-19 filwaqt li jingħata appoġġ għall-prijoritajiet ekoloġiċi u diġitali tal-Unjoni. Il-QFP, imsaħħa bl-NGEU, ser ikun l-għodda ewlenija Ewropea.
- A3. Sabiex l-Unjoni tingħata l-mezzi meħtieġa biex tindirizza l-isfidi ppreżentati mill-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni ser tkun awtorizzata li tissellef fondi f'isem l-Unjoni fis-swieq tal-kapital. Ir-rikavat ser jiġi ttrasferit lil programmi tal-Unjoni f'konformità mal-NGEU.

- A4. Minħabba li l-NGEU huwa reazzjoni eċċezzjonali għal dawk iċ-ċirkostanzi temporanji iżda estremi, is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex tissellef huma b'mod ċar limitati fid-daqs, id-durata u l-kamp ta' applikazzjoni.
- A5. Għall-NGEU l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa fid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propri biex tissellef fondi fuq is-swieq tal-kapital f'isem l-Unjoni sal-ammont ta' EUR 750 biljun bil-prezzijiet tal-2018; l-attività għdida ta' self nett ser tieqaf mhux aktar tard minn tmien l-2026. L-Unjoni għandha tuża l-fondi mislufa fuq is-swieq tal-kapital għall-għan waħdieni li jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19.
- A6. Il-fondi mislufa jistgħu jintużaw għal self sal-ammont ta' EUR 360 biljun bil-prezzijiet tal-2018 u għal infiq sal-ammont ta' EUR 390 biljun bil-prezzijiet tal-2018.
- A7. Il-ħlas lura jenħteġ li jkun skedat, skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm tnaqqis kostanti u prevedibbli tal-obbligazzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2058. L-ammonti mhux użati għall-pagamenti ta' interessi kif previst ser jintużaw għall-ħlas lura bikri qabel tmiem il-QFP 2021-2027, b'ammont minimu, u jistgħu jiżdiedu 'l fuq minn dan il-livell dment li jkunu ġew introdotti Riżorsi Proprija ġodda.
- A8. L-ammonti dovuti mill-Unjoni f'sena partikolari għall-ħlas lura tal-kapital m'għandhomx jaqbżu 7.5 % tal-ammont massimu ta' EUR 390 biljun għall-infiq.
- A9. L-ammonti tal-limiti massimi tar-riżorsi propriji għandhom jiżdiedu temporanjament b'0,6 punti perċentwali għall-uniku skop li jiġu koperti l-obbligazzjonijiet kollha tal-Unjoni li jirriżultaw mis-self li tkun ħadet biex tindirizza l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, sakemm dawn l-obbligazzjonijiet kollha ma jibqgħux jeżistu, u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2058.

A10. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ser tiċċara fir-rigward tal-finanzjament tal-NGEU tal-każijiet li fihom il-Kummissjoni tista' titlob b'mod provviżorju aktar riżorsi mill-Istati Membri mis-sehem relattiv rispettiv tagħhom, mingħajr żieda fl-obbligazzjonijiet aħħarija tal-Istati Membri, u tistabbilixxi il-kondizzjonijiet tiegħu. Hija ser tipprevedi li kwalunkwe tali kontribuzzjoni ser tiġi kkumpensata mingħajr dewmien skont il-qafas legali applikabbli għall-baġit tal-UE u għalhekk abbażi tal-koeffiċjenti tad-DNG applikabbli rispettivi, mingħajr preġudizzju għal riżorsi proprji oħra u dħul ieħor.

Qabel ma tirrikorri għal tali riżorsi, il-Kummissjoni ser tissodisfa dawn il-ħtiġijiet permezz ta' ġestjoni tal-likwidità attiva u, jekk meħtieġ, rikors għal finanzjament ta' terminu qasir permezz tas-swieq kapitali skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata tagħha konsistenti mal-limiti tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji. Huwa biss jekk tali miżuri ma jiġġenerawx il-likwidità neċessarja, li l-Kummissjoni tkun tista' tirrikorri b'mod provviżorju għal aktar riżorsi mill-Istati Membri bħala l-aħħar għażla. L-ammont ta' riżorsi addizzjonali li jista' jsir rikors għalihom kull sena mill-Istati Membri f'tali ċirkostanzi għandu jkun fuq bażi prorata u, fi kwalunkwe każ, limitat għas-sehem tagħhom tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji temporanjament miżjud, jiġifieri 0.6 % tad-DNG tal-Istati Membri.

A11. L-ammonti tal-NGEU mgħoddija permezz tal-baġit għall-infiq għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern. L-Awtorità Baġitarja għandha teżerċita kontroll politiku, li għandu jiġi definit bi ftehim bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

A12. Minħabba l-ħtieġa tal-użu rapidu tal-appoġġ għall-irkupru, huwa importanti li jinħolqu l-kundizzjonijiet xierqa għall-implimentazzjoni rapida ta' proġetti ta' investiment, b'mod partikolari fl-infrastruttura. Il-Kummissjoni hija mistiedna biex qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru tressaq proposti dwar kif jistgħu jiġihaffu u jiġu ffaċilitati l-proċeduri fl-Istati Membri.

A13. L-impenji legali ta' programm kif miżjud mill-NGEU għandhom isiru sal-31 ta' Diċembru 2023. Il-pagamenti relatati ser isiru sal-31 ta' Diċembru 2026.

A14. L-ammonti taħt l-NGEU għal programmi individwali għandhom ikunu kif ġej:

• Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)	EUR 672.5 biljun
li minnhom self	EUR 360 biljun
li minnhom għotjiet	EUR 312.5 biljun
• REACT-EU:	EUR 47.5 biljun
• Orizzont Ewropa:	EUR 5 biljun
• InvestEU:	EUR 5.6 biljun
• Żvilupp Rurali:	EUR 7.5 biljun
• Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF):	EUR 10 biljun
• RescEU:	EUR 1.9 biljun
• Total:	EUR 750 biljun

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

A15. 70 % tal-għotjiet ipprovduti mill-RRF għandhom jiġu impenjati fis-snin 2021 u 2022. It-30 % li jifdal għandhom ikunu impenjati b'mod sħiħ sa tmiem l-2023. Bħala regola, il-volum massimu tas-self għal kull Stat Membru ma jaqbiżx 6.8 % tad-DNG tiegħu.

A16. Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni tal-impenji tal-RRF għas-snin 2021-2022 għandhom jiġu stabbiliti skont il-proposta tal-Kummissjoni. Fil-koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-sena 2023, il-kriterju tal-qgħad tal-2015-2019 huwa sostitwit, fi proporzjon indaqs, bit-telf fil-PDG reali osservat matul l-2020 u bit-telf kumulattiv fil-PDG reali osservat matul il-perijodu 2020-2021 u ser jiġi kkalkulat sat-30 ta' Ġunju 2022.

A17. Il-prefinanzjament għall-RRF ser jitħallas fl-2021 u għandu jkun 10 %.

A18. L-Istati Membri għandhom iħejju pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza li jistabbilixxu l-aġenda ta' riforma u ta' investiment tal-Istat Membru kkonċernat għas-snin 2021-23. Il-pjanijiet ser jiġu riveduti u adattati kif meħtieġ fl-2022 biex jittieħed kont tal-allokazzjoni finali tal-fondi għall-2023.

A19. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni fi żmien xahrejn mill-preżentazzjoni tagħhom. Il-kriterju ta' konsistenza mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, kif ukoll it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika u soċjali tal-Istat Membru ser ikunu jeħtieġu l-ogħla punteġġ tal-valutazzjoni. Kontribut effettiv lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali għandu wkoll ikun prerekwiżit għal valutazzjoni pożittiva.

Il-valutazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza għandha tiġi approvata mill-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni li l-Kunsill għandu jagħmel l-almu tiegħu li jadotta fi żmien 4 ġimgħat mill-proposta.

Il-valutazzjoni pożittiva tat-talbiet għall-pagamenti ser tkun soġġetta għall-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti.

Il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju dwar l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti. Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandu jagħmel ħiltu biex jilħaq kunsens. Jekk, eċċezzjonalment, Stat Membru wieħed jew aktar iqisu li jkun hemm devjazzjonijiet serji mill-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti, huma jistgħu jitolbu lill-President tal-Kunsill Ewropew biex jirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill Ewropew li jmiss.

Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar il-valutazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti u dwar l-approvazzjoni ta' pagamenti f'konformità mal-proċedura ta' eżami.

Jekk il-kwistjoni tkun ġiet riferuta lill-Kunsill Ewropew, ma tittieħed l-ebda deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri u dwar l-approvazzjoni ta' pagamenti sakemm il-Kunsill Ewropew li jmiss ikun iddiskuta l-kwistjoni b'mod eżawrjenti. Dan il-proċess ma għandux, bħala regola, jieħu aktar minn tliet xhur wara li l-Kummissjoni tkun talbet lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għall-opinjoni tiegħu. Dan il-proċess ser ikun skont l-Artikolu 17 TUE u l-Artikolu 317 TFUE.

REACT-EU

A20. Minkejja r-regoli dwar l-iffissar ta' limitu massimu u r-ridistribuzzjoni, għandhom japplikaw allokazzjonijiet addizzjonali; biex jappoġġaw is-setturi l-aktar importanti li ser ikunu kruċjali biex jiffurmaw il-bażi għal irkupru sod wara l-kriżi tal-COVID-19 f'ċerti Stati Membri, REACT-EU ser ttipprovdi l-allokazzjonijiet addizzjonali li ġejjin: Lussemburgu (EUR 100 miljun); Malta (EUR 50 miljun).

Mira klimatika

A21. L-azzjoni klimatika ser tiġi integrata fil-politiki u l-programmi ffinanzjati taħt il-QFP u l-NGEU. Mira klimatika kumplessiva ta' 30 % ser tapplika għall-ammont totali ta' nfiq mill-QFP u l-NGEU u ser tkun riflessa f'miri xierqa fil-leġislazzjoni settorjali. Dawn għandhom jikkonformaw mal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 u jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ġodda tal-Unjoni għall-2030, li ser jiġu aġġornati sal-aħħar tas-sena. Bħala prinċipju ġenerali, l-infiq kollu tal-UE jenħtieġ li jkun konsistenti mal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

II. QFP 2021-2027

A22. L-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Frar 2020 (5846/20) jikkostitwixxu l-bażi għall-kompromess globali. Dan l-abbozz irrifletta d-diskussjonijiet li saru tul ħafna xhur. Fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19 u l-miżuri meħudin taħt l-NGEU, ġew introdotti ċertu numru ta' bidliet li huma riflessi fl-Anness.

A23. L-ammont globali għall-impenji huwa EUR 1,074.3 biljun. Din iċ-ċifra hija kemxejn aktar baxxa minn dik ta' Frar. Dan għandu jitqies fl-isfond tal-isforz ta' rkupru ambizzjuż Ewropew deskritt fl-ewwel parti ta' dan id-dokument.

A24. L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti f'konformità mal-prinċipji ġenerali inkorporati fit-Trattati tal-Unjoni, b'mod partikolari l-valuri tal-Artikolu 2 TUE.

Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tar-rispett għall-istat tad-dritt.

- A25. L-allokazzjoni finanzjarja għal RescEU ser tkun ta' EUR 1.1 biljun. Il-programm Saħħa ser jiżdied għal EUR 1.7 biljun skont il-proposta tal-Kummissjoni bħala rispons għall-COVID-19.
- A26. L-istrumenti speċjali barra mil-limiti massimi għandhom jiżdiedu b'EUR 5 biljun. Dawn il-EUR 5 biljun ser jintużaw għal Riżerva ta' Aġġustament speċjali ġdida għall-Brexit li għandha tiġi stabbilita biex jiġu miġġielda konsegwenzi avversi u mhux previsti fl-Istati Membri u s-setturi li huma l-aktar milquta.
- A27. Il-proposta ta' Frar introduċiet għadd ta' miżuri ta' flessibbiltà akbar fl-oqsma tal-koeżjoni u l-agrikoltura. Fid-dawl tal-effetti tal-kriżi tal-COVID-19, jiżdied it-tieni pakkett ta' flessibbiltà dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni taħt il-Politika ta' Koeżjoni u l-PAK kif ukoll il-konċentrazzjoni tematika tal-appoġġ tal-FEŻR.
- A28. Rigward ir-riżorsi proprji tal-UE, il-limitu massimu allokat lill-Unjoni biex ikopri l-approprijazzjonijiet ta' pagament annwali huwa stabbilit għal 1.40 % tad-DNG tal-Istati Membri kollha; l-ammont totali annwali ta' approprijazzjonijiet ta' impenn ma għandux jaqbeż il-1.46 % tat-total tad-DNG kollu tal-Istati Membri.
- A29. Matul is-snin li ġejjin, l-Unjoni ser taħdem biex tirrifirma s-sistema tar-riżorsi proprji u tintroduċi riżorsi proprji ġodda. Bħala l-ewwel pass, ser tiġi introdotta riżorsa proprja ġdida bbażata fuq l-iskart tal-plastik mhux irriċiklat li tapplika mill-1 ta' Jannar 2021. Bħala bażi għal riżorsi proprji addizzjonali, fl-ewwel semestru tal-2021 il-Kummissjoni ser tressaq proposti dwar mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera u dwar imposta diġitali bil-ħsieb tal-introduzzjoni tagħhom sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023. Fl-istess spirtu, il-Kummissjoni ser tressaq proposta dwar skema tal-ETS riveduta, li possibbilment testendiha għall-avjazzjoni u s-settur marittimu. Fl-aħħar nett, matul il-QFP li jmiss, l-Unjoni ser taħdem biex tintroduċi riżorsi proprji oħra, li jistgħu jinkludu Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji. Ir-rikavati mir-riżorsi proprji l-ġodda introdotti wara l-2021 ser jintużaw għall-ħlas lura antiċipat tas-self tal-NGEU.
- A30. Għall-perijodu 2021-2027, korrezzjonijiet b'somma f'daqqa ser inaqqsu l-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq id-DNG tad-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jibbenefikaw minn tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni bbażata fuq id-DNG annwali tagħhom. Dan it-tnaqqis gross għandu jiġi ffinanzjat mill-Istati Membri kollha skont id-DNG tagħhom.

III. TRANŻIZZJONI

A31. Mhux ser ikun hemm bidla għall-QFP 2014-2020. Iż-żewġ Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus jibqgħu elementi importanti tar-rispons tagħna fuq terminu qasir għall-kriżi. Minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, l-azzjonijiet rilevanti li nbdew mill-1 ta' Frar 2020 'il quddiem għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament taħt REACT-EU u l-RRF dment li jsegwu objettivi tal-programmi rispettivi.

IV. IL-PASSI LI JMISS

- A32. Il-Kunsill huwa mistieden jibda negozjati mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb li tiġi żgurata l-finalizzazzjoni tal-ħidma fuq l-atti legali kollha f'konformità mal-bażi ġuridika rilevanti bħala kwistjoni ta' urġenza eċċezzjonali sabiex jiġi żgurat li l-UE tkun tista' tirrispondi għall-kriżi.
- A33. Hekk kif tiġi adottata d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji, l-Istati Membri ser jipproċedu bl-approvazzjoni tagħha mill-aktar fis possibbli, skont ir-rekwiżiti konstituzzjonali rispettivi tagħhom.

I. ORIZZONTALI

1. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) il-ġdid ser ikopri seba' snin bejn l-2021 u l-2027. Il-baġit ser jippermetti lill-Unjoni Ewropea tirrispondi għall-isfidi attwali u futuri u tissodisfa l-prijoritajiet politiċi tagħha, fid-dawl tal-pjan direzzjonali ta' Bratislava, kif ukoll tad-dikjarazzjonijiet ta' Ruma u ta' Sibiu u l-Aġenda Strateġika għall-2019-2024. Il-QFP, imsaħħaħ bin-"Next Generation EU" (NGEU), ser ikun ukoll l-istrument ewlieni għall-implimentazzjoni tal-pakkett ta' rkupru b'rispons għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19.
2. Il-QFP għall-perijodu 2021-2027 ser ikollu l-istruttura li ġejja:
 - Intestatura 1 "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali";
 - Intestatura 2 "Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri" li ser tinkludi subintestatura għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u sub-Intestatura għar-reżiljenza u l-valuri;
 - Intestatura 3 "Riżorsi Naturali u Ambjent" li ser tinkludi sottolimitu għal infiq relatat mas-suq u pagamenti diretti;
 - Intestatura 4 "Ġestjoni tal-Migrazzjoni u tal-Fruntieri";
 - Intestatura 5 "Sigurtà u Difiża";
 - Intestatura 6 "Il-Viċinat u d-Dinja";
 - Intestatura 7 "Amministrazzjoni Pubblika Ewropea" li ser tinkludi sottolimitu għal infiq amministrattiv tal-istituzzjonijiet.

Il-ġabra tal-infiq taħt l-Intestaturi u r-raggruppamenti ta' politiki hija maħsuba biex tirrifletti l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u tipprevedi l-flessibbiltà meħtieġa fl-interess tal-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi. Barra minn hekk, it-tnaqqis fl-ġhadd ta' programmi għandu l-għan li jiżgura koerenza u jippromwovi sinerġiji. Il-qafas ġenerali ser jirrifletti s-simplifikazzjoni u jwassal biex titnaqqas il-burokrazija għall-benefiċjarji u għall-awtoritajiet ta' ġestjoni, u ser jippromwovi opportunitajiet indaqs billi jiżgura li l-attivitajiet u l-azzjonijiet fi programmi u strumenti rilevanti jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri u jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

3. Iċ-ċifra totali massima għall-infiq għall-UE-27 għall-perijodu 2021-2027 hija ta' EUR 1 074 300 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, inkluż l-integrazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u EUR 1 061 058 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. It-tqassim tal-approprijazzjonijiet ta' impenn huwa deskritt hawn taħt. L-istess ċifri huma mniżżlin ukoll fit-tabella li tinsab fl-Anness għal dan l-Anness li tistabbilixxi wkoll il-programm ta' approprjazzjonijiet ta' pagament. Iċ-ċifri kollha huma espressi bl-użu ta' prezzijiet kostanti tal-2018. Ser ikun hemm aġġustamenti tekniċi annwali awtomatiċi għall-inflazzjoni bl-użu ta' deflatur fiss ta' 2 %.

Iċ-ċifri ser jiġu wkoll ippreżentati fi prezzijiet attwali bl-użu tad-deflatur maqbul.

4. Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għandu jkollu l-kapital meħtieġ biex jimplimenta l-politiki tal-Unjoni. Il-Bord tal-Gvernaturi tal-BEI huwa mistieden jirrieżamina l-adegwatezza kapitali tal-BEI fid-dawl tal-istrumenti inklużi fil-QFP u NGEU kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-Bank għall-ambizzjonijiet tal-Unjoni fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija tal-Ewropa. Fid-dawl ta' dan ir-rieżami, il-Bord tal-Gvernaturi, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu, għandu jiddeċiedi dwar id-daqs u l-modalitajiet ta' kwalunkwe żieda fil-kapital sa tmiem l-2020.
5. Il-Kunsill ser jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew f'konformità mal-Artikolu 312(2) TFUE li jipprevedi li l-Kunsill għandu jadotta r-regolament tal-QFP wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

6. Mhux ser ikun hemm rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP.
7. Ir-RAL (reste à liquider) huwa prodott sekondarju inevitabbli tal-iprogrammar pluriennali u l-appropriazzjonijiet differenzjati. Madankollu, l-impenji pendenti (RAL) huma mistennija jkunu aktar minn EUR 308 000 miljun fi prezzijiet attwali sal-aħħar tal-qafas finanzjarju għall-perijodu 2014-2020, li jwassal għal pagamenti mill-QFP attwali li jikkostitwixxu ammont sinifikanti ta' pagamenti globali fl-ewwel snin tal-QFP li jmiss. Sabiex jiġu żgurati livell u profil prevedibbli kif ukoll progressjoni b'mod ordnat tal-pagamenti, jittieħdu bosta miżuri, bħas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni u l-iffissar ta' rati ta' prefinanzjament, regoli ta' diżimpenn xierqa u adozzjoni f'waqtha tal-leġislazzjoni settorjali għall-QFP 2021-2027.
8. Skont il-prinċipju tal-unità baġitarja, bħala regola, il-punti kollha ta' finanzjament tal-UE ser jiġu inklużi fil-QFP. Madankollu, minħabba l-ispeċifità tagħhom, l-Istrumenti Speċjali kollha ser jitpoġġew barra mil-limiti massimi tal-QFP taħt appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jew jikkostitwixxu punti barra l-baġit. L-Unjoni għandu jkollha l-kapaċità li ttrispjandi għal ċirkostanzi eċċezzjonali, kemm interni kif ukoll esterni, u tkun kapaċi tindirizza prijoritajiet ġodda fid-dawl tas-sitwazzjoni li qed tinbidel malajr wara l-pandemija tal-COVID-19. Fl-istess waqt, il-ħtieġa għall-flessibbiltà għandha tkun meqjusa fir-rigward tal-prinċipju tad-dixxiplina baġitarja u t-trasparenza tal-infiq tal-UE filwaqt li tiġi rrispettata n-natura vinkolanti tal-limiti massimi tal-QFP.
9. Id-durata tal-programmi settorjali tal-QFP għandha, bħala regola, tkun allinjata mal-perijodu ta' żmien tal-QFP 2021-2027.
10. Sabiex jiġu rrispettati l-kompetenzi tal-istituzzjonijiet rispettivi kif ukoll biex jikkonformaw mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-atti delegati għandhom ikunu limitati għal elementi mhux essenzjali tal-atti leġislattivi rispettivi.

11. It-testi leġiżlattivi rilevanti issa jeħtieġ li jiġu adottati kemm jista' jkun malajr skont il-proċeduri minnha fit-Trattat u b'rispett sħiħ tar-rwol tal-istituzzjonijiet differenti. Abbażi tal-livelli ta' impenji f'dan il-ftehim, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew huma mistiedna jaslu għal ftehim fi żmien debit u dwar il-finanzjament xieraq ta' kull wieħed mill-istrumenti, programmi u fondi proposti ffinanzjati taħt il-QFP.
12. Filwaqt li jfakkar fil-kuntatti regolari li saru mal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari fil-marġni tal-laqqgħat tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Presidenza biex tmexxi 'l quddiem id-diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew.
13. Il-Kummissjoni hija mistiedna tipprovdi l-assistenza u l-appoġġ kollu biex tiffaċilita l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.
14. Fl-Intestaturi ser jiġu stabbiliti marġnijiet xierqa. F'ċerti programmi, tiġi stabbilita faċilità tematika li tkun ipprogrammata fuq bażi ta' ħtiġijiet; programmi oħra jipprevedu fondi mhux allokat i simili bħala flessibilità intrinsika.
15. Id-devjazzjoni possibbli mill-ammonti ta' referenza għal programmi pluriennali ma għandhiex tkun aktar minn 15 % tal-ammont għad-durata kollha tal-programm.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu, fuq bażi volontarja, matul il-proċess ta' programmazzjoni, fil-bidu tal-perijodu u waqt l-implimentazzjoni, it-trasferiment ta':

- i. sa total ta' 5 % tal-allokazżjoni nazzjonali inizjali minn kwalunkwe wieħed mill-fondi tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni¹ taħt ġestjoni kondiviża għal kwalunkwe strument taħt ġestjoni diretta jew indiretta għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat jew għal kwalunkwe fond ieħor tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni taħt ġestjoni kondiviża, minbarra trasferimenti li huma possibbli biss taħt ii, u,

¹ Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Viża.

- ii. sa 20 % tal-allokkazzjoni finanzjarja inizjali rispettiva għall-FEŻR, l-FK u l-FSE+ lejn il-FEŻR, il-FK u l-FSE+ fi ħdan l-allokkazzjoni ta' Stat Membru għall-mira tal-"Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir"; għar-Repubblika Ċeka, il-perċentwal ser ikun sa 25 %.
16. Skont l-isforz ġenerali ta' konsolidazzjoni, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji jiġu razzjonalizzati aktar, partikolarment f'InvestEU u bħala parti mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), biex b'hekk jiġi rrispettat il-prinċipju li l-użu ta' dawn l-istrumenti huwa strettament limitat għal ċirkostanzi fejn ikun hemm falliment tas-suq ċar u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. Filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-opportunitajiet ta' dan it-tip ta' finanzjament, l-obbligazzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw minn strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib.
17. Ir-rwol tal-baġit tal-UE fl-appoġġ tal-implimentazzjoni effettiva tal-oġġettivi ta' politika fl-UE kollha jenħtieġ li jkompli jissaħħaħ, partikolarment billi tissaħħaħ ir-rabta bejn il-baġit tal-UE u s-Semestru Ewropew inkluż billi tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali kif ukoll fl-oqsma tal-migrazzjoni, l-ambjent u t-tibdil fil-klima u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll id-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd.
18. Filwaqt li jirriflettu l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-programmi u l-istrumenti jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tal-azzjonijiet dwar il-klima u għall-kisba ta' mira ġenerali ta' mill-inqas 30 % tal-infiq tal-ammont totali tal-baġit tal-Unjoni u tal-NGEU li jappoġġa l-oġġettivi relatati mal-klima. L-infiq tal-UE jenħtieġ li jkun konsistenti mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u mal-prinċipju ta' "tagħmel l-ebda ħsara" tal-Ftehim Ekoloġiku Ewropew. Metodoloġija effettiva għall-monitoraġġ tal-infiq fuq il-klima u l-prestazzjoni tiegħu, inkluż rapportar u miżuri rilevanti fil-każ ta' progress insuffiċjenti, għandha tiżgura li l-QFP li jmiss fl-intier tiegħu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena dwar l-infiq għall-klima. Sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-oġġettiv tal-ilħuq tan-newtralità klimatika sal-2050 u l-mira klimatika l-ġdida tal-Unjoni għall-2030, ser jinħoloq Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, li jinkludi Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

19. Jenħtieġ li jiġi żgurat approċċ komprensiv għall-migrazzjoni li jikkombina kontrolli aktar effettivi tal-fruntieri esterni tal-UE, azzjoni esterna akbar u l-aspetti interni, f'konformità mal-prinċipji u l-valuri tal-UE. Dan ser jinkiseb b'mod aktar ikkoordinat fi programmi bejn l-Intestaturi rilevanti kollha, inkluż il-mobilizzazzjoni rapida ta' fondi, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet relatati mal-flussi migratorji. Għal dak il-għan, komponenti dedikati u sinifikanti ser jintużaw biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' migrazzjoni esterna fl-Intestaturi 4, 5 u 6.
20. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll id-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u l-integrazzjoni ta' dawn l-oġettivi jenħtieġ li jittieħed kont tagħhom u jiġu promossi matul it-tnejn, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' programmi rilevanti.
21. Il-programmi tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu miftuħa għall-pajjiżi taż-ŻEE, il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali, kif ukoll għas-sħab koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat f'konformità mal-prinċipji u t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' dawn is-sħab fi programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet u d-deċizzjonijiet qafas rispettivi jew strumenti oħra li ttieħdu taħt ftehimiet bħal dawn. Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi oħra jenħtieġ li tkun soġġetta għal ftehim li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet applikabbli għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terz ikkonċernat fi kwalunkwe programm. Ftehim bħal dan għandu jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjoni u l-benefiċċji tal-pajjiżi terz li jipparteċipa fi programmi tal-Unjoni, ma għandu jagħti l-ebda setgħa ta' teħid ta' deċizzjonijiet dwar dawn il-programmi u għandu jkun fih regoli għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
22. L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti f'konformità mal-prinċipji ġenerali inkorporati fit-Trattati tal-Unjoni, b'mod partikolari l-valuri tal-Artikolu 2 TUE.

Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tar-rispett għall-istat tad-dritt.

23. Abbażi ta' dan l-isfond, ser jiġi introdott reġim ta' kondizzjonalità biex jiġu protetti l-baġit u n-Next Generation EU. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser tipproponi miżuri f'każ ta' ksur għall-adozzjoni mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata.

Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura malajr għal din il-kwistjoni.

24. Il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta aktar miżuri biex tipproteġi l-baġit tal-UE u n-Next Generation EU kontra l-frodi u l-irregolaritajiet. Dan ser jinkludi miżuri li jiżguraw il-ġbir u l-komparabbiltà ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji finali tal-finanzjament tal-UE għall-finijiet ta' kontroll u awditu u li għandhom jiġu inklużi fl-atti bażiċi rilevanti. Il-ġlieda kontra l-frodi teħtieġ involviment b'saħħtu tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, tal-OLAF, tal-Eurojust, tal-Europol u, fejn rilevanti, tal-UPPE, kif ukoll tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

II. TAQSIMA I: INFIQ

INTESTATURA 1 - SUQ UNIKU, INNOVAZZJONI U DIĠITALI

25. Is-Suq Uniku, l-Innovazzjoni u d-Diġitali jikkorrispondu għal qasam fejn l-azzjoni tal-UE għandha valur miżjud sinifikanti. Il-programmi taħt din l-Intestatura għandhom potenzjal kbir li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet ta' Bratislava u ta' Ruma, b'mod partikolari fir-rigward tal-promozzjoni tar-riċerka, l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali, l-Investimenti Strateġiċi Ewropej, l-azzjoni favur is-Suq Uniku u l-kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs. Fl-allokazzjoni tal-finanzjament f'din l-Intestatura, għandha tingħata prijetà partikolari għat-tisħiħ sostanzjali u progressiv tal-isforz tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni. Fl-istess ħin, jenħteġ li tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn il-programmi taħt din l-Intestatura, bħal fil-qasam diġitali.
26. Il-livell ta' impenji għal din l-Intestatura mhux ser jaqbeż EUR 132 781 miljun:

INTESTATURA 1 - SUQ UNIKU, INNOVAZZJONI U DIĠITALI						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
19 721	19 666	19 133	18 633	18 518	18 646	18 473

Proġetti fuq Skala Kbira

27. Din l-Intestatura ser tkompli tappoġġa l-finanzjament ta' proġetti fuq skala kbira fil-Programm spazjali Ewropew il-ġdid kif ukoll il-proġett tar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER):
- i. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-ITER għall-perijodu 2021-2027 ser ikun massimu ta' EUR 5 000 miljun.
 - ii. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm spazjali għall-perijodu 2021-2027 ser ikun massimu ta' EUR 13 202 miljun, li minnhom EUR 8 000 miljun ser ikunu ddedikati għal Galileo u EUR 4 810 miljun għal Copernicus.

Orizzont Ewropa

28. Jeħtieġ li tiġi rinforzata u estiża l-eċċellenza tal-bażi tax-xjenza u tal-innovazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, l-isforz fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni ser ikun ibbażat fuq l-eċċellenza. Il-programm Orizzont Ewropa għandu jassisti lill-pajjiżi li fihom trid tiżdied il-parteciġazzjoni biex iżidu l-parteciġazzjoni fil-programm. Fl-istess ħin, id-distakk fil-parteciġazzjoni u d-distakk fl-innovazzjoni jridu jkomplu jiġu indirizzati permezz ta' diversi miżuri u inizjattivi bħall-inċentivi għal konsorzji li jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' dan id-distakk. Dan, flimkien ma' sett uniku ta' regoli, ser jiżgura Politika Ewropea ta' Riċerka futura effiċjenti u effettiva li ser toffri wkoll opportunitajiet aħjar għall-SMEs u l-membri l-ġodda biex jipparteċipaw fil-programmi. Rabtiet aħjar bejn l-istituzzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni madwar l-Ewropa ser ikunu ffaċilitati biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni fir-riċerka madwar l-Unjoni. Ser tingħata attenzjoni partikolari għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati permezz ta' Orizzont Ewropa flimkien ma' daww appoġġati taħt programmi oħra tal-Unjoni, inkluż permezz tal-politika ta' koeżjoni. F'dan il-kuntest, ser ikunu meħtieġa sinerġiji importanti bejn Orizzont Ewropa u l-fondi strutturali għall-fini ta' "kondiviżjoni tal-eċċellenza", biex b'hekk tittejjeb il-kapaċità u l-kapaċità reġjonali tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-kapaċità tar-reġjuni kollha li jiżviluppaw raggruppamenti ta' eċċellenza.
29. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programm Orizzont Ewropa għall-perijodu 2021-2027 ser ikun ta' EUR 75 900 miljun.

InvestEU

30. Il-Fond InvestEU ser jaġixxi bħala mekkaniżmu uniku ta' appoġġ għall-investimenti għal azzjoni interna tal-UE, li jissostitwixxi l-istrumenti finanzjarji eżistenti kollha. L-oġettiv ġenerali tiegħu huwa li jappoġġa l-oġettivi ta' politika tal-Unjoni billi jimmobilizza l-investment pubbliku u privat fi ħdan l-UE li jissodisfa l-kriterju tal-addizzjonalità, u b'hekk jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investment subottimali li jfixklu l-kisba tal-għanijiet tal-UE rigward is-sostenibbiltà, il-kompetittività u t-tkabbir inklużiv.
- Dispożizzjonijiet ċari fi ħdan l-atti bażiċi rilevanti ser jistabbilixxu d-diversi interazzjonijiet finanzjarji bejn il-programmi ta' infiq applikabbli u l-Fond InvestEU. L-allokazzjoni għall-Fond InvestEU għall-perjodu 2021-2027 hija ta' EUR 2 800 miljun li ser tkun ikkumplementata minn rimborżi li jirriżultaw mill-istrumenti ta' qabel l-2021. Ser tiġi stabbilita Skema ta' Tranżizzjoni Ġusta dedikata taħt InvestEU bħala t-tieni pilastru tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta.

Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

31. Sabiex jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u jiġi stimulat il-ħolqien tal-impjiegi, l-Unjoni teħtieġ infrastruttura aġġornata u bi prestazzjoni għolja biex tgħin il-kollegament u l-integrazzjoni tal-Unjoni u r-reġjuni kollha tagħha, fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali. Dawn il-konnessjonijiet huma fundamentali għall-moviment ħieles ta' persuni, oġġetti, kapital u servizzi. In-networks trans-Ewropej jiffaċilitaw il-konnessjonijiet transkonfinali, bħal pereżempju Rail Baltica, irawmu koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali akbar, u jikkontribwixxu għal ekonomija tas-suq soċjali aktar kompetittiva u għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima billi jqisu l-impenji tad-dekarbonizzazzjoni. L-Istati Membri kollha jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod ugwali, filwaqt li l-iżvantaġġi li jirriżultaw minn vulnerabbiltajiet ġeografiċi permanenti jenħtieġ li jiġu kkunsidrati kif xieraq.

32. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għall-perijodu 2021-2027 ser ikun ta' EUR 28 396 miljun. Dak l-ammont ser ikun distribwit bejn is-setturi kif ġej:
- a) trasport: EUR 21 384 miljun,
 - li minnhom EUR 10 000 miljun ser jiġu ttrasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni biex jintefqu skont ir-Regolament dwar il-FNE:
 - 30 % għandhom isiru disponibbli abbażi ta' grad għoli ta' kompetittività fost l-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni u 70 % għandhom jirrispettaw l-allokazzjonijiet nazzjonali taħt il-Fond ta' Koeżjoni sal-2023 u wara dan ikunu bbażati fuq kompetizzjoni sħiħa bejn l-Istati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni;
 - li minnhom EUR 1 384 miljun ser jintużaw għat-tlestija ta' links ferrovjarji transkonfinali importanti li huma neqsin bejn il-pajjiżi tal-koeżjoni biex jiġi appoġġat il-funzjonament tas-Suq Uniku. Għandhom japplikaw ir-regoli ta' kofinanzjament tat-trasferiment mill-Fond ta' Koeżjoni għall-FNE.
 - b) enerġija: EUR 5 180 miljun;
 - c) diġitali: EUR 1 832 miljun.

Programm Ewropa Diġitali

33. Il-programm Ewropa Diġitali ser jinvesti f'kapaċitajiet diġitali strateġiċi ewlenin bħalma huma l-informatika ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà tal-UE. Dan ser jikkomplementa strumenti oħra, partikolarment Orizzont Ewropa u l-FNE, fl-appoġġ tat-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programm Ewropa Diġitali għall-perijodu 2021-2027 ser ikun ta' EUR 6 761 miljun.

INTESTATURA 2 - KOEŻJONI, REŻILJENZA U VALURI

34. L-għan ta' din l-Intestatura huwa li tikkontribwixxi għall-valur miżjud tal-UE billi trawwem il-konverġenza, tappoġġa l-investiment, toħloq l-impjiegi u t-tkabbir, tgħin biex jitnaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali fi ħdan l-Istati Membri u madwar l-Ewropa u twettaq l-aġenda ta' Bratislava u ta' Ruma. Din l-Intestatura tinvesti fi żvilupp, koeżjoni u reżiljenza reġjonali, u fiċ-ċittadini, il-koeżjoni soċjali u l-valuri. Din l-Intestatura ser ikollha rwol kruċjali fil-kontribuzzjoni għal tkabbir sostenibbli u koeżjoni soċjali u fil-promozzjoni tal-valuri komuni.
35. L-appropriazzjonijiet ta' impenn għal din l-Intestatura mhux ser jeċċedu EUR 377 768 miljun li minnhom EUR 330 235 miljun ser jiġu allokati lil sub-Intestatura 2a għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" u EUR 47 533 miljun ser jiġu allokati għas-sub-Intestatura 2b għal "Reżiljenza u Valuri":

KOEŻJONI, REŻILJENZA U VALURI						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
49 741	51 101	52 194	53 954	55 182	56 787	58 809
Sub-Intestatura 2a: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali						
45 411	45 951	46 493	47 130	47 770	48 414	49 066
Sub-Intestatura 2b: Reżiljenza u Valuri						
4 330	5 150	5 701	6 824	7 412	8 373	9 743

Politika ta' Koeżjoni

36. L-oġġettiv ewlieni tal-Politika ta' Koeżjoni huwa li tiżviluppa u taħdem għal azzjonijiet li jwasslu għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi tikkontribwixxi sabiex jonqsu d-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma inqas favoriti. Permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-fergħa tal-ġestjoni kondiviża tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), hija ser taħdem għal dawn l-għanijiet: "Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir" fi Stati Membri u reġjuni, li għandu jiġi appoġġat mill-Fondi kollha; u "kooperazzjoni territorjali Ewropea", li għandha tiġi appoġġata mill-FEŻR.
37. Il-politika ta' koeżjoni ser ikollha rwol dejjem aktar importanti fl-appoġġ tal-proċess ta' riforma ekonomika kontinwa mill-Istati Membri billi ssaħħaħ ir-rabta mas-Semestru Ewropew. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti matul il-proċess kollu.
38. Ir-riżorsi għall-għan "Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir" ser jammontaw għal total ta' EUR 322 285 miljun u ser jiġu allokati kif ġej:
- a) EUR 202 299 miljun għal reġjuni inqas żviluppati;
 - b) EUR 47 789 miljun għal reġjuni fi tranżizzjoni;
 - c) EUR 27 212 miljun għal reġjuni aktar żviluppati;
 - d) EUR 42 556 miljun għall-Istati Membri appoġġati mill-Fond ta' Koeżjoni;
 - e) EUR 1 928 miljun bħala finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 TFUE u r-reġjuni ta' livell 2 tan-NUTS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994;
 - f) EUR 500 miljun għal investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni.
39. Mhux ser ikun hemm aġġustament tekniku.

40. L-ammont ta' riżorsi disponibbli għall-FSE+ taħt l-għan "Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir" ser ikun ta' EUR 87 319 miljun, inkluż il-finanzjament speċifiku għar-reġjuni ultraperiferiċi u r-reġjuni tat-Tramuntana b'popolazzjoni baxxa ta' EUR 473 miljun. EUR 175 miljun tar-riżorsi tal-FSE+ għall-mira tal-"Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir" ser jiġu allokati għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali li tappoġġa soluzzjonijiet innovattivi taħt ġestjoni diretta jew indiretta.
41. L-ammont ta' sostenn mill-Fond ta' Koeżjoni li għandu jiġi ttrasferit għall-FNE ser ikun ta' EUR 10 000 miljun. L-allokazzjonijiet mill-Fond ta' Koeżjoni ta' kull Stat Membru għandhom jitnaqqsu skont dan. Il-modalitajiet għall-użu tal-ammont trasferit huma inklużi taħt l-Intestatura 1, FNE.
42. Ir-riżorsi għall-għan "Kooperazzjoni territorjali Ewropea" (Interreg) ser jammontaw għal total ta' EUR 7 950 miljun u ser jitqassmu kif ġej:
- a) total ta' EUR 5 713 miljun għall-kooperazzjoni transkonfinali marittima u fuq l-art;
 - b) total ta' EUR 1 466 miljun għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali;
 - c) total ta' EUR 500 miljun għall-kooperazzjoni interreġjonali;
 - d) total ta' EUR 271 miljun għall-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi.
- L-ammont ta' EUR 970 miljun allokati mill-Kummissjoni għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE) - komponent għall-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni huwa maqsum f'żewġ partijiet:
- EUR 500 miljun huma ddedikati għall-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni taħt ġestjoni diretta jew indiretta tal-FEŻR taħt l-għan "Investimenti għal impjiegi u tkabbir", u
 - EUR 470 miljun huma inklużi hawn b'kont meħud tal-arkitettura aġġornata tal-programmi tal-KTE.
43. 0.35 % tar-riżorsi globali ser jiġu allokati għal assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

Definizzjonijiet u eliġibbiltà

44. Ir-riżorsi mill-FEŻR u l-FSE+ għall-għan "Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir" ser jiġu allokat i għal tliet tipi ta' reġjuni tal-livell 2 tan-NUTS, b'kont meħud tal-klassifikazzjoni NUTS mill-2016 'il quddiem, definiti abbażi ta' kif il-PDG per capita tagħhom, imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist ("PPS") u kkalkulat abbażi ta' ċifri tal-Unjoni għall-perijodu 2015-2017, jirrelata mal-PDG medju tal-UE-27 għall-istess perijodu ta' referenza, kif ġej:
- a) reġjuni inqas żviluppati, li l-PDG per capita tagħhom ikun inqas minn 75 % tal-PDG medju tal-UE-27;
 - b) reġjuni fi tranżizzjoni, li l-PDG per capita tagħhom ikun bejn 75 % u 100 % tal-PDG medju tal-UE-27;
 - c) reġjuni inqas żviluppati, li l-PDG per capita tagħhom ikun oġġla minn 100 % tal-PDG medju tal-UE-27.
45. Il-Fond ta' Koeżjoni ser jappoġġa lil daww l-Istati Membri li d-dħul nazzjonali gross (DNG) per capita tagħhom, imkejjel skont il-PPS u kkalkolat abbażi ta' ċifri tal-Unjoni għall-perijodu 2015-2017, ikun inqas minn 90 % tad-DNG medju per capita tal-UE-27 għall-istess perijodu ta' referenza.

Metodoloġija dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi globali għal kull Stat Membru għall-perijodu 2021-27

Metodu ta' allokazzjoni għar-reġjuni inqas żviluppati eliġibbli fil-qafas tal-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir

46. L-allokazzjoni ta' kull Stat Membru hija t-total tal-allokazzjonijiet għar-reġjuni individwali eliġibbli tiegħu, ikkalkulat skont il-passi segwenti:
- a) id-determinazzjoni ta' ammont assolut kull sena (f'euro) miksub bil-multiplikazzjoni tal-popolazzjoni tar-reġjun ikkonċernat bid-differenza bejn il-PDG per capita ta' dak ir-reġjun, imkejjel skont il-PPS, u l-PDG medju per capita skont il-PPS tal-UE-27;

- b) l-applikazzjoni ta' perċentwal tal-ammont assolut ta' hawn fuq sabiex jiġi determinat il-pakkett finanzjarju ta' dak ir-reġjun; dan il-perċentwal huwa gradwat sabiex jirrifletti l-prospertà relattiva, imkejla skont il-PPS, meta mqabbel mal-medja tal-UE-27, tal-Istat Membru li fih jinsab ir-reġjun eliġibbli, jiġifieri:
- i. għar-reġjuni fl-Istati Membri li l-livell tad-DNG per capita tagħhom ikun inqas minn 82 % tal-medja tal-UE: 2.85 %;
 - ii. għar-reġjuni fl-Istati Membri li l-livell tad-DNG per capita tagħhom ikun bejn 82 % u 99 % tal-medja tal-UE: 1.25 %;
 - iii. għar-reġjuni fl-Istati Membri li l-livell tad-DNG per capita tagħhom ikun iżjed minn 99 % tal-medja tal-UE: 0.75 %.
- c) mal-ammont miksub taħt il-pass (b) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR 570 għal kull persuna qiegħda fis-sena, applikat għall-għadd ta' persuni qiegħda f'dak ir-reġjun li jaqbeż l-għadd ta' dawk li jkunu qiegħda li kieku kienet tapplika r-rata medja tal-qgħad tar-reġjuni inqas żviluppati kollha tal-UE;
- d) mal-ammont miksub taħt il-pass (c) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR 570 għal kull persuna żagħżugħa qiegħda (grupp ta' età 15-24) fis-sena, applikat għall-għadd ta' żgħażaġh qiegħda f'dak ir-reġjun li jaqbeż l-għadd ta' dawk li jkunu qiegħda li kieku kienet tapplika r-rata medja tal-qgħad fost iż-żgħażaġh tar-reġjuni inqas żviluppati kollha tal-UE;
- e) mal-ammont miksub taħt il-pass (d) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR 270 għal kull persuna (grupp ta' età 25-64) fis-sena, applikat għall-għadd ta' persuni f'dak ir-reġjun li jkollu jitnaqqas sabiex jintlaħaq il-livell medju ta' rata baxxa ta' edukazzjoni (inqas minn edukazzjoni primarja, edukazzjoni primarja u sekondarja tal-ewwel livell) tar-reġjuni inqas żviluppati kollha tal-UE;

- f) mal-ammont miksub taħt il-pass (e) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont ta' EUR 1 għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO2 fis-sena applikat għas-sehem tal-popolazzjoni tar-reġjun tal-għadd ta' tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO2 li bih l-Istat Membru jaqbeż il-mira ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra barra mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbilita għall-2030 kif proposta mill-Kummissjoni fl-2016;
- g) mal-ammont miksub taħt il-pass (f) jiżdied, jekk applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR 405 għal kull persuna fis-sena, applikat għas-sehem tal-popolazzjoni tar-reġjuni b'migrazzjoni netta minn barra l-UE lejn l-Istat Membru mill-1 ta' Jannar 2014 'il quddiem.

Metodu ta' allokazzjoni għar-reġjuni ta' tranżizzjoni eliġibbli skont il-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir

47. L-allokazzjoni ta' kull Stat Membru hija t-total tal-allokazzjonijiet għar-reġjuni individwali eliġibbli tiegħu, ikkalkulat skont il-passi segwenti:
- a) determinazzjoni tal-intensità ta' għajjnuna teoretika minima u massima għal kull reġjun ta' tranżizzjoni eliġibbli. Il-livell minimu ta' appoġġ huwa determinat mill-intensità ta' għajjnuna per capita medja inizjali tar-reġjuni aktar żviluppati kollha, jiġifieri EUR 15.2 per capita u kull sena. Il-livell massimu ta' appoġġ jirreferi għal reġjun teoretiku bi PDG per capita ta' 75 % tal-medja tal-UE-27 u huwa kkalkulat bl-użu tal-metodu ddefinit fil-paragrafu 46 .(a) u (b) ta' hawn fuqMill-ammont miksub b'dan il-metodu, jittieħed kont ta' 60 %;
 - b) kalkolu tal-allokazzjonijiet reġjonali inizjali, b'kont meħud tal-PDG reġjonali per capita (skont il-PPS) permezz ta' interpolazzjoni lineari tal-PDG relattiv tar-reġjun per capita meta mqabbel mal-UE-27;
 - c) mal-ammont miksub taħt il-punt (b) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR 560 għal kull persuna qiegħda fis-sena, applikat għall-għadd ta' persuni qiegħda f'dak ir-reġjun li jaqbeż l-għadd ta' dawk li jkunu qiegħda li kieku kienet tapplika r-rata medja tal-qgħad tar-reġjuni inqas żviluppati kollha tal-UE;

- d) mal-ammont miksub taħt il-punt (c) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR 560 għal kull persuna żagħżugħa qiegħda (grupp ta' età 15-24) fis-sena, applikat għall-għadd ta' żgħażaġh qiegħda f'dak ir-reġjun li jaqbeż l-għadd ta' dawk li jkunu qiegħda li kieku kienet tapplika r-rata medja tal-qgħad fost iż-żgħażaġh tar-reġjuni inqas żviluppati kollha;
- e) mal-ammont miksub skont il-punt (d) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR 250 għal kull persuna (grupp ta' età 25-64) fis-sena, applikat għall-għadd ta' persuni f'dak ir-reġjun li jkollu jitnaqqas sabiex jintlaħaq il-livell medju ta' rata baxxa ta' edukazzjoni (inqas minn edukazzjoni primarja, edukazzjoni primarja u sekondarja tal-ewwel livell) tar-reġjuni inqas żviluppati kollha;
- f) mal-ammont miksub skont il-punt (e) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont ta' EUR 1 għal kull tunnellata ekwivalenti ta' CO₂ fis-sena applikat għas-sehem tal-popolazzjoni tar-reġjun tal-għadd ta' tunnellati ekwivalenti ta' CO₂ li bih l-Istat Membru jaqbeż il-mira ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra barra mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbiliti għall-2030 kif proposta mill-Kummissjoni fl-2016;
- g) mal-ammont miksub skont il-punt (f) jiżdied ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR 405 għal kull persuna fis-sena, applikat għas-sehem tal-popolazzjoni tar-reġjun b'migrazzjoni netta minn barra l-UE lejn Stat Membru mill-1 ta' Jannar 2014 'il quddiem.

Metodu ta' allokazżjoni għar-reġjuni aktar żviluppati eliġibbli skont l-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir

48. Il-pakkett finanzjarju teoretiku inizjali totali ser jinkiseb billi l-intensità ta' għajjnuna per capita u fis-sena ta' EUR 15.2 tiġi mmultiplikata bil-popolazzjoni eliġibbli.

49. Is-sehem ta' kull Stat Membru kkonċernat ser ikun it-total tal-ishma tar-reġjuni eliġibbli tiegħu, li jiġu determinati abbażi tal-kriterji segwenti, ponderati kif indikat:
- a) il-popolazzjoni reġjonali totali (ponderazzjoni ta' 20 %);
 - b) l-għadd ta' persuni qiegħda fir-reġjuni ta' livell 2 tan-NUTS b'rata ta' qgħad 'il fuq mill-medja tar-reġjuni aktar żviluppati kollha (ponderazzjoni ta' 12.5 %);
 - c) l-għadd ta' impjieg li jrid jiżdied biex tintlaħaq ir-rata medja ta' impjieg (minn 20 sa 64 sena) tar-reġjuni aktar żviluppati kollha (ponderazzjoni ta' 20 %);
 - d) l-għadd ta' persuni b'età bejn 30 sa 34 sena b'kisba ta' edukazzjoni terzjarja li għandu jiżdied biex tintlaħaq ir-rata medja tal-kisba tal-edukazzjoni terzjarja (minn 30 sa 34 sena) tar-reġjuni aktar żviluppati kollha (ponderazzjoni ta' 22.5 %);
 - e) l-għadd ta' persuni li jtitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (minn 18 sa 24 sena) li għandu jitnaqqas biex tintlaħaq ir-rata medja ta' persuni li jtitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (minn 18 sa 24 sena) tar-reġjuni aktar żviluppati kollha (ponderazzjoni ta' 15 %);
 - f) id-differenza bejn il-PDG osservat tar-reġjun (imkejjel skont il-PPS), u l-PDG reġjonali teoretiku li kieku r-reġjun kien ikollu l-istess PDG per capita bħar-reġjun l-aktar prosperu ta' livell 2 tan-NUTS (ponderazzjoni ta' 7.5 %);
 - g) il-popolazzjoni tar-reġjuni ta' livell 3 tan-NUTS b'densità ta' popolazzjoni inqas minn 12.5 abitanti/km² (ponderazzjoni ta' 2.5 %).
50. Mal-ammonti tar-reġjun ta' livell 2 tan-NUTS miksuba skont il-punt 44 jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont ta' EUR 1 għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ fis-sena applikat għas-sehem tal-popolazzjoni tar-reġjun tal-għadd ta' tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO₂ li bih l-Istat Membru jaqbeż il-mira ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra barra mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbilita għall-2030 kif proposta mill-Kummissjoni fl-2016.

51. Mal-ammonti tar-reġjun ta' livell 2 tan-NUTS miksuba skont il-punt 45 jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR 405 għal kull persuna fis-sena, applikat għas-sehem tal-popolazzjoni tar-reġjun b'migrazzjoni netta minn barra l-UE lejn Stat Membru mill-1 ta' Jannar 2014 'il quddiem.

Metodu ta' allokkazzjoni għall-Istati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni

52. Il-pakkett finanzjarju ser jinkiseb billi l-intensità ta' għajjnuna medja per capita u fis-sena ta' EUR 62.9 tiġi multiplikata bil-popolazzjoni eliġibbli. Kull allokkazzjoni ta' Stat Membru eliġibbli ta' dan il-pakkett finanzjarju teoretiku tikkorrispondi għal perċentwali ibbażat fuq il-popolazzjoni, is-superfċje tal-art u l-prosperità nazzjonali tiegħu, u ser tinkiseb billi jiġu applikati l-passi segwenti:
- a) kalkolu tal-medja aritmetika bejn l-ishma tal-popolazzjoni u tas-superfċje tal-art ta' dak l-Istat Membru u l-popolazzjoni u s-superfċje tal-art totali tal-Istati Membri eliġibbli kollha. Jekk, madankollu, is-sehem tal-popolazzjoni totali ta' Stat Membru jaqbeż is-sehem tiegħu tas-superfċje tal-art totali b'fattur ta' ħamsa jew aktar, li jirrifletti densità ta' popolazzjoni estremament għolja, għal dan il-pass jintuża biss is-sehem tal-popolazzjoni totali;
 - b) aġġustament taċ-ċifri perċentwali miksuba b'koeffiċjenti li jirrappreżenta terz tal-perċentwali li bih id-DNG per capita tal-Istat Membru (imkejje skont il-PPS) għall-perijodu 2015-2017 jaqbeż jew jaqa' taħt id-DNG per capita medju tal-Istati Membri eliġibbli kollha (medja espressa bħala 100 %).

Għal kull Stat Membru eliġibbli, is-sehem tal-Fond ta' Koeżjoni mhux ser ikun oġġla minn terz tal-allokazzjoni totali li minnu titnaqqas l-allokazzjoni għall-għan ta' żvilupp territorjali Ewropew wara l-applikazzjoni tal-paragrafi 50 sa 55. Dan l-aġġustament ser iżid proporzjonalment it-trasferimenti l-oħra kollha li jirriżultaw mill-paragrafi 40 sa 45.

Metodu ta' allokazżjoni għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea

53. L-allokazżjoni ta' riżorsi skont l-Istat Membru, li tkopri l-kooperazzjoni transkonfinali, tranżnazzjonali u dik tar-reġjuni ultraperiferiċi hija determinata bħala t-total ponderat tal-ishma determinati abbażi tal-kriterji li ġejjin, ponderati kif indikat:
- a) il-popolazzjoni totali tar-reġjuni kollha tal-fruntieri ta' livell 3 tan-NUTS u ta' reġjuni oħra ta' livell 3 tan-NUTS fejn tal-inqas nofs il-popolazzjoni reġjonali tgħix f'distanza li tasal sa 25 kilometru mill-fruntieri (ponderazzjoni ta' 45.8 %);
 - b) il-popolazzjoni li tgħix f'distanza li tasal sa 25 kilometru mill-fruntieri (ponderazzjoni ta' 30.5 %);
 - c) il-popolazzjoni totali tal-Istati Membri (ponderazzjoni ta' 20 %);
 - d) il-popolazzjoni totali tar-reġjuni ultraperiferiċi (ponderazzjoni ta' 3.7 %).

Is-sehem tal-komponent transkonfinali jikkorrispondi għat-total tal-ponderazzjonijiet tal-kriterji (a) u (b). Is-sehem tal-komponent tranżnazzjonali jikkorrispondi għall-ponderazzjoni tal-kriterju (c). Is-sehem tal-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi jikkorrispondi għall-ponderazzjoni tal-kriterju (d).

Metodu ta' allokazżjoni għall-finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 TFUE u r-reġjuni ta' livell 2 tan-NUTS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994

54. Allokazzjoni addizzjonali speċjali li tikkorrispondi għal intensità ta' għajna ta' EUR 40 għal kull abitant fis-sena ser tkun allokata lir-reġjuni ultraperiferiċi ta' livell 2 tan-NUTS u lir-reġjuni tat-Tramuntana b'popolazzjoni baxxa ta' livell 2 tan-NUTS. Dik l-allokazzjoni ser titqassam skont ir-reġjun u l-Istat Membru b'mod proporzjonali għat-total tal-popolazzjoni ta' dawk ir-reġjuni.

Il-livelli minimi u massimi ta' trasferimenti mill-fondi li jappoġġaw il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali (limiti massimi u xbieki ta' sikurezza)

55. Sabiex issir kontribuzzjoni għall-ksib ta' konċentrazzjoni adegwata ta' fondi ta' koeżjoni fir-reġjuni u l-Istati Membri l-inqas żviluppati u għat-tnaqqis tad-differenzi fil-medja ta' intensitajiet ta' għajjnuna per capita, il-livell massimu ta' trasferiment (limitu massimu) mill-Fondi għal kull Stat Membru individwali ser ikun determinat bħala perċentwali tal-PDG tal-Istat Membru, fejn dawn il-perċentwali ser ikunu kif ġej:
- a) għal Stati Membri li d-DNG medju per capita tagħhom (skont il-PPS) għall-perijodu 2015-2017 huwa inqas minn 55 % tal-medja tal-UE-27: 2.3 % tal-PDG tagħhom;
 - b) għal Stati Membri li d-DNG medju per capita tagħhom (skont il-PPS) għall-perijodu 2015-2017 huwa uguali għal jew ogħla minn 68 % tal-medja tal-UE-27: 1.5 % tal-PDG tagħhom;
 - c) għal Stati Membri li d-DNG medju per capita tagħhom (skont il-PPS) għall-perijodu 2015-2017 huwa uguali għal jew ogħla minn 55 % u inqas minn 68 % tal-medja tal-UE-27: il-perċentwal jinkiseb permezz ta' interpolazzjoni lineari bejn 2.3 % u 1.5 % tal-PDG tagħhom li jwassal għal tnaqqis proporzjonali tal-limitu massimu tal-perċentwal f'konformità maż-żieda fil-prospertà.

Il-limitu massimu ser ikun applikat fuq bażi annwali għall-projezzjonijiet tal-PDG tal-Kummissjoni, u - jekk applikabbli - ser inaqas proporzjonalment it-trasferimenti kollha (ħlief għar-reġjuni aktar żviluppati u l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea) għall-Istat Membru kkonċernat sabiex jinkiseb il-livell massimu ta' trasferiment.

56. Ir-regoli deskritti fil-paragrafu 50 mhux ser jirriżultaw f'allokazzjonijiet għal kull Stat Membru ogħla minn 107 % tal-livell tagħhom f'termini reali għall-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Dan l-aġġustament ser jiġi applikat proporzjonalment għat-trasferimenti kollha (ħlief għall-għan ta' żvilupp territorjali Ewropew) lill-Istat Membru kkonċernat sabiex jinkiseb il-livell massimu ta' trasferiment.

57. Sabiex jiġu kkonsolidati l-isforzi ta' konverġenza u biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun mingħajr xkiel u gradwali, l-allokazzjoni totali minima mill-Fondi għal Stat Membru ser tikkorrispondi għal 76 % tal-allokazzjoni totali individwali tiegħu għall-2014-2020. L-allokazzjoni totali minima mill-Fondi għal Stat Membru fejn mill-inqas terz tal-popolazzjoni tgħix f'reġjuni ta' livell NUTS 2 bi PDG/capita ta' inqas minn 50 % tal-medja tal-UE, ser tikkorrispondi għal 85 % tal-allokazzjoni totali individwali 2014-2020 tiegħu. L-aġġustamenti meħtieġa għall-issodisfar ta' dan ir-rekwiżit ser jiġu applikati b'mod proporzjonat għall-allokazzjonijiet mill-Fondi, bl-esklużjoni tal-allokazzjonijiet tal-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea.
58. L-allokazzjoni totali massima mill-Fondi għal Stat Membru li jkollu DNG per capita (skont il-PPS) ta' mill-inqas 120 % tal-medja tal-UE-27 ser tikkorrispondi għal 80 % tal-allokazzjoni totali individwali tiegħu għall-2014-2020. L-allokazzjoni totali massima mill-fondi għal Stat Membru li jkollu DNG per capita (skont il-PPS) daqs jew iktar minn 110 % u inqas minn 120 % tal-medja tal-UE-27 ser tikkorrispondi għal 90 % tal-allokazzjoni totali individwali tiegħu għall-2014-2020. L-aġġustamenti meħtieġa għall-issodisfar ta' dan ir-rekwiżit ser jiġu applikati b'mod proporzjonat għall-allokazzjonijiet mill-Fondi, bl-esklużjoni tal-allokazzjoni tal-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea. Jekk Stat Membru jkollu reġjuni ta' tranżizzjoni li għalihom japplika l-paragrafu 61, 25 % tal-allokazzjoni ta' dak l-Istat Membru għar-reġjuni aktar żviluppati għandu jiġi ttrasferit għall-allokazzjoni tar-reġjuni ta' tranżizzjoni ta' dak l-Istat Membru.

Provvedimenti ta' allokazzjonijiet addizzjonali

59. Għar-reġjuni kollha li ġew ikklassifikati bħala reġjuni inqas żviluppati għall-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020, iżda li l-PDG per capita tagħhom ikun ogħla minn 75 % tal-medja tal-UE-27, il-livell annwali minimu ta' appoġġ taħt il-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir ser jikkorrispondi għal 60 % tal-allokazzjoni annwali medja indikattiva preċedenti tagħhom taħt il-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir, ikkalkulata mill-Kummissjoni fi ħdan il-QFP 2014-2020.

60. L-ebda reġjun ta' tranżizzjoni mhu ser jirċievi inqas minn dak li kien jirċievi li kieku kien reġjun aktar żviluppat.
61. L-allokazzjoni totali minima ta' Stat Membru għar-reġjuni ta' tranżizzjoni tiegħu, li diġà kienu reġjuni ta' tranżizzjoni fl-2014-20, għandha tikkorrispondi għal minimu ta' 65 % tal-allokazzjoni totali tal-2014-20 għal dawn ir-reġjuni f'dak l-Istat Membru.
62. Minkejja l-paragrafi 55 sa 58, għandhom japplikaw l-allokazzjonijiet addizzjonali kif stipulat fil-paragrafi 63 sa 67.
63. Total ta' EUR 120 miljun ser jiġi allokati għall-programm PEACE PLUS b'appoġġ għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni u sabiex titkompla l-kooperazzjoni transkonfinali bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar.
64. Fejn il-popolazzjoni ta' Stat Membru tkun naqset, bħala medja, b'aktar minn 1 % fis-sena, bejn il-perijodi 2007-2009 u 2016-2018, dak l-Istat Membru għandu jirċievi allokazzjoni addizzjonali ekwivalenti għat-tnaqqis totali fil-popolazzjoni tiegħu bejn daww il-perijodi mmultiplikata b'EUR 500. Dik l-allokazzjoni addizzjonali għandha tkun għar-reġjuni inqas żviluppati fl-Istat Membru kkonċernat.
65. Għal reġjuni inqas żviluppati fl-Istati Membri li bbenefikaw biss minn perijodu wieħed ta' politika ta' koeżjoni, allokazzjoni addizzjonali ta' EUR 400 miljun għandha tiġi pprovduta lir-reġjuni inqas żviluppati tagħhom.

66. B'riconoxximent tal-isfidi ppreżentati mis-sitwazzjoni ta' Stati Membri li huma gżejjer ta' ċerti partijiet imbiegħda tal-Unjoni Ewropea, Malta u Ċipru għandhom jirċievu pakkett finanzjarju addizzjonali ta' EUR 100 miljun kull wieħed għall-Fondi Strutturali taħt il-mira tal-"Investiment għall-impjegi u t-tkabbir". Iż-żoni skarsament popolati tat-Tramuntana tal-Finlandja għandhom jiġu allokatu pakkett addizzjonali ta' EUR 100 miljun taħt il-Fondi Strutturali.
67. Sabiex tingħata spinta lill-kompetittività, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjegi f'ċerti Stati Membri, il-Fondi Strutturali ser jipprovdu l-allokazzjonijiet addizzjonali li ġejjin taħt il-mira "Investiment għat-tkabbir u l-impjegi": EUR 200 miljun għall-Belġju għar-reġjuni fi tranżizzjoni, EUR 200 000 miljun għall-Bulgarija għar-reġjuni anqas żviluppati, EUR 1 550 miljun għar-Repubblika Ċeka taħt il-Fond ta' Koeżjoni, EUR 100 miljun għal Ċipru għall-Fondi Strutturali taħt il-mira "Investiment għat-tkabbir u l-impjegi", EUR 50 miljun għall-Estonja, EUR 650 għall-Ġermanja għar-reġjuni fi tranżizzjoni li jaqgħu taħt ix-xibka ta' sikurezza kif stabbilit fil-paragrafu 61, EUR 50 miljun għal Malta għall-Fondi Strutturali taħt il-mira "Investiment għat-tkabbir u l-impjegi", EUR 600 miljun għall-Polonja għar-reġjuni anqas żviluppati, EUR 300 miljun għall-Portugall għar-reġjuni fi tranżizzjoni, u EUR 350 miljun għar-reġjun l-aktar żviluppat tas-Slovenja.

Rati ta' kofinanzjament

68. Ir-rata ta' kofinanzjament għall-mira tal-Investiment għall-impjegi u t-tkabbir mhux ser tkun ogħla minn:
- a) 85 % għar-reġjuni inqas żviluppati;
 - b) 70 % għal reġjuni ta' tranżizzjoni li fil-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ġew ikklassifikati bħala reġjuni inqas żviluppati;
 - c) 60 % għar-reġjuni ta' tranżizzjoni;
 - d) 40 % għar-reġjuni aktar żviluppati.

Ir-rati ta' kofinanzjament għar-reġjuni ultraperiferiċi mhux ser ikunu ogħla minn 85 %.

Ir-rata ta' kofinanzjament għall-Fond ta' Koeżjoni mhux ser tkun ogħla minn 85 %.

Jistgħu japplikaw rati ta' kofinanzjament ogħla għal prijoritajiet li jappoġġaw azzjonijiet innovattivi u għal appoġġ għal dawk l-aktar fil-bżonn fil-qafas tal-FSE+.

Ir-rata ta' kofinanzjament għall-programmi Interreg mhux ser tkun ogħla minn 80 %.

Jistgħu japplikaw rati ta' kofinanzjament ogħla għal programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali esterna fil-qafas tal-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg).

Il-miżuri ta' assistenza teknika implementati fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni jew f'isimha jistgħu jiġu ffinanzjati bir-rata ta' 100 %.

Miżuri marbuta ma' governanza ekonomika soda

69. Jenħtieġ li jinżammu mekkaniżmi li jiżguraw rabta bejn il-politiki ta' finanzjament tal-Unjoni u l-governanza ekonomika tal-Unjoni, li jippermettu lill-Kummissjoni titlob rieżami jew emendi għal programmi rilevanti sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill jew timmassimizza l-impatt tat-tkabbir u l-kompetittività tal-Fondi; jew tagħmel proposta lill-Kunsill biex jissospendi l-impenji jew il-pagamenti kollha jew parti minnhom għal programm wieħed jew aktar tal-Istat Membru kkonċernat fejn dak l-Istat Membru jonqos milli jieħu azzjoni effettiva fil-kuntest tal-proċess ta' governanza ekonomika.

Rati ta' prefinanzjament

70. Il-Kummissjoni ser tħallas prefinanzjament ibbażat fuq l-appoġġ totali mill-Fondi stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-programm. Il-prefinanzjament għal kull Fond ser jitħallas f'pagamenti annwali, soġġett għad-disponibbiltà ta' fondi, kif ġej:
- a) 2021: 0.5 %;
 - b) 2022: 0.5 %;
 - c) 2023: 0.5 %;
 - d) 2024: 0.5 %;

- e) 2025: 0.5 %;
- f) 2026: 0.5 %.

Il-prefinanzjament għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) ser jitħallas f'pagamenti annwali, soġġett għad-disponibbiltà ta' fondi, kif ġej:

- a) 2021: 1 %;
- b) 2022: 1 %;
- c) 2023: 3 %;
- d) 2024: 3 %;
- e) 2025: 3 %;
- f) 2026: 3 %.

Il-prefinanzjament għal kull Fond u għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea għandhom jiġu approvati kull sena bl-aċċettazzjoni tal-kontijiet.

Ser tiġi stabbilita rata ta' prefinanzjament speċifika għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Viża.

Il-programmi relatati mal-perijodu 2014-2020 ser ikunu prefinanzjati b'rata ta' 2 % sa mill-1 ta' Jannar 2021.

Regoli ta' diżimpenn

71. Kwalunkwe ammont fi programm li ma ntużax għall-prefinanzjament jew li għalih ma ġietx ippreżentata applikazzjoni għal pagament sal-31 ta' Diċembru tat-tielet sena kalendarja wara s-sena tal-impenji baġitarji għas-snin 2021 sa 2026 ser jiġi diżimpenjat. Id-data finali ta' eliġibbiltà ser tibqa' l-31 ta' Diċembru 2029.

Konċentrazzjoni tematika tal-appoġġ tal-FEŻR

72. Fir-rigward ta' programmi implimentati taħt il-mira tal-Investment għall-impjegi u t-tkabbir, ir-riżorsi totali tal-FEŻR f'kull Stat Membru ser ikunu kkonċentrati jew fil-livell nazzjonali jew reġjonali kif ġej:

- a) L-Istati Membri bi proporzjon ta' dħul nazzjonali gross ugwali għal jew oġġla minn 100 % jew reġjuni aktar żviluppati ser jallokaw mill-inqas 85 % tar-riżorsi totali tagħhom fl-ambitu tal-FEŻR taħt prijoritajiet għajr dawk ta' assistenza teknika għal objettivi "intelliġenti" u "ekoloġiċi", u mill-inqas 30 % għal objettivi "ekoloġiċi";
- b) L-Istati Membri bi proporzjon ta' dħul nazzjonali gross ugwali għal jew aktar minn 75 % u inqas minn 100 % jew reġjuni fi tranżizzjoni ser jallokaw mill-inqas 40 % tar-riżorsi totali tagħhom fl-ambitu tal-FEŻR taħt prijoritajiet għajr dawk ta' assistenza teknika għal objettivi "intelliġenti", u mill-inqas 30 % għal objettivi "ekoloġiċi";
- c) L-Istati Membri bi proporzjon ta' dħul nazzjonali gross taħt 75 % jew reġjuni inqas żviluppati ser jallokaw mill-inqas 25 % tar-riżorsi totali tagħhom fl-ambitu tal-FEŻR taħt prijoritajiet għajr dawk ta' assistenza teknika għal objettivi "intelliġenti", u mill-inqas 30 % għal dawk "ekoloġiċi".

L-Istati Membri ser jiddeċiedu fil-bidu tal-perijodu ta' programmazzjoni l-livell – nazzjonali jew reġjonali – li għalih ser tiġi applikata konċentrazzjoni tematika. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jistabbilixxi l-konċentrazzjoni tematika fil-livell reġjonali, ir-rekwiżiti tiegħu ser jiġu definiti għar-reġjuni kollha tal-Istat Membru inklużi fl-istess kategorija tal-iżvilupp.

Jekk is-sehem tar-riżorsi tal-Fond ta' Koeżjoni allokat għall-appoġġ tal-objettiv "ekoloġiku" jkun akbar minn 50 %, allura l-allokazzjonijiet ta' iktar minn 50 % jistgħu jitqiesu għall-kisba tal-ishma minimi tal-FEŻR.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-proporzjon tad-dħul nazzjonali gross ifisser il-proporzjon bejn id-dħul nazzjonali gross per capita ta' Stat Membru, imkejje skont il-PPS u kkalkulat abbażi ta' ċifri tal-Unjoni għall-perijodu 2015-2017, u d-dħul nazzjonali gross medju per capita skont il-PPS tas-27 Stat Membru għal dak l-istess perijodu ta' referenza.

Appoġġ lill-Komunità Ċiprijotta-Torka

73. Din l-Intestatura ser tiffinanzja wkoll l-appoġġ lill-komunità Ċiprijotta-Torka.

Pagamenti ta' interessi

74. Il-pakkett finanzjarju għall-pagamenti ta' interessi dovut mill-Unjoni b'rabta mas-self tiegħu fis-swieq kapitali taħt l-NGEU għall-perijodu 2021-2027 ser ikun ta' EUR 12 914-il miljun. L-ammonti mhux użati għall-pagamenti ta' interessi ser jintużaw għall-ħlas lura bikri qabel tmien il-QFP 2021-2027, b'ammont minimu, u jistgħu jiżiedu 'l fuq minn dan il-livell dment li jkunu ġew introdotti Riżorsi Proprja ġodda.
75. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku ser itejjeb il-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri biex ifasslu, jiżviluppaw u jimplimentaw ir-riformi. Ser ikun disponibbli għall-Istati Membri kollha u jkollu pakkett finanzjarju ta' EUR 767 miljun għall-perijodu 2021-2027.

Investiment fin-nies, koeżjoni soċjali u valuri

76. Il-FSE+ ser jagħti appoġġ komprensiv għall-impjiegi taż-żgħażaġħ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar, inkluż il-faqar fost it-tfal, billi jgħaqqad programmi eżistenti: il-Fond Soċjali Ewropew, l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ, il-Fond għal Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn u l-programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali.

Il-pakkett finanzjarju totali għall-FSE+ għall-perijodu 2021-2027 ser ikun EUR 87 995 miljun, li minnhom:

- EUR 676 miljun għall-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni diretta u indiretta;
- EUR 87 319 miljun għall-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża taħt il-mira tal-Investment għall-Impjiegi u t-Tkabbir.

Il-fergħa ta' ġestjoni kondiviża ser tibqa' taħt subintestatura flimkien mal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni.

77. B'rabta mar-riżorsi tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża, kull Stat Membru għandu jalloka:
- a) tal-inqas 25 % għall-oġġettivi speċifiċi għall-inklużjoni soċjali, inkluż l-integrazzjoni tal-migranti;
 - b) tal-inqas 2 % għall-oġġettiv speċifiku li jindirizza l-privazzjoni materjali;
 - c) tal-inqas 10 % għal azzjonijiet immirati għaż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) fil-każ li r-rata tan-NEET tkun ogħla mill-medja tal-UE.
78. Fuq il-bażi tal-Erasmus+ eżistenti, il-programm il-ġdid ser jagħti opportunitajiet ta' taġlim u mobbiltà lit-tfal tal-iskola, l-apprendisti, iż-żgħażagħ, l-istudenti u l-għalliema. Ser jagħmel enfasi qawwija fuq l-inklużjoni ta' persuni b'inqas opportunitajiet u ser isaħħaħ l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali għall-universitajiet u għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni vokazzjonali u ta' taħriġ. Erasmus+ ser ikompli jappoġġa l-kooperazzjoni fil-qasam tal-isport. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programm Erasmus+ għall-perijodu 2021-2027 ser ikun ta' EUR 21 208 miljun.

Reżiljenza

79. Il-pakkett finanzjarju tal-programm RescEU taħt il-QFP ser ikun ta' EUR 1 106 miljun.
80. Ser jiġi stabbilit programm għas-Saħħa. Il-pakkett finanzjarju għall-programm għas-Saħħa taħt il-QFP ser ikun ta' EUR 1 670 miljun.
81. Il-pakkett finanzjarju għall-programm Ewropa Kreattiva taħt il-QFP ser ikun ta' EUR 1 642 miljun u l-pakkett finanzjarju għall-programm Ġustizzja, Drittijiet u Valuri taħt il-QFP ser ikun ta' EUR 841 miljun.

82. L-ammont għall-Eurojust ser ikun mill-anqas 10 % ogħla mil-livell tal-2020 f'termini reali.
83. Ser jiġi żgurat li rżorsi adegwati għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-OLAF sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

INTESTATURA 3 - RIŻORSI NATURALI U AMBJENT

84. Il-finanzjament f'din l-Intestatura jiffoka fuq il-kisba ta' valur miżjud permezz ta' politika agrikola, marittima u tas-sajd modernizzata u sostenibbli kif ukoll billi jsir progress fl-azzjoni klimatika u jiġi promoss il-ħarsien tal-ambjent u tal-bijodiversità. L-inkorporazzjoni tal-klima fil-baġit kollu u l-integrazzjoni mtejbja tal-oġġettivi ambjentali jagħtu rwol ewlieni lil din l-Intestatura biex tintlaħaq il-mira ambizzjuża ta' tal-inqas 30 % tal-infiq tal-UE li jikkontribwixxi għal oġġettivi klimatiċi.
85. L-approprijazzjonijiet ta' impenn għal din l-Intestatura, li tikkonsisti mill-politika agrikola u marittima, kif ukoll l-ambjent u l-azzjoni klimatika, mhux ser jaqbuż EUR 356 374 miljun li minnhom EUR 258 594 miljun ser jiġu allokat i għall-infiq relatat mas-suq u għall-pagamenti diretti. Il-pagamenti diretti skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 u skont ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK mhux ser jaqbuż l-EUR 239 916 miljun.

RIŻORSI NATURALI U AMBJENT						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
55 242	52 214	51 489	50 617	49 719	48 932	48 161
li minnhom: Infiq relatat mas-suq u pagamenti diretti						
38 564	38 115	37 604	36 983	36 373	35 772	35 183

Politika Agrikola Komuni

86. Politika Agrikola Komuni (PAK) riformata u modernizzata ser tiżgura aċċess għal ikel sikur, ta' kwalità għolja, bi prezzijiet li jintlaħqu, nutrittiv u varjat. Ser tappoġġa t-tranżizzjoni lejn settur agrikolu ekonomikament, ambjentalment u soċjalment sostenibbli u orjentat lejn is-suq u l-iżvilupp ta' żoni rurali ħajjin. Il-PAK ser tkompli tagħti riżultati b'rabta mal-oġettivi stabbiliti fit-Trattati u tipprovdi standard ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola. Il-PAK ser tqis ukoll b'mod sħiħ il-ħtiġijiet għall-benessri tal-annimali. Jenħtieġ li jitqiesu l-istruttura soċjali tal-agrikoltura u d-disparitajiet strutturali u naturali bejn id-diversi reġjuni agrikoli.
87. Mudell ta' implimentazzjoni ġdid li jlaqqa' flimkien iż-żewġ pilastru taħt strument uniku ta' programmazzjoni - il-Pjan Strateġiku tal-PAK - ser jiżgura li jintlaħqu l-oġettivi komuni stabbiliti fil-livell tal-UE. Il-mudell ta' implimentazzjoni ġdid ser jagħti aktar flessibbiltà lill-Istati Membri u jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni. Is-sehem tal-infiq tal-PAK li mistenni jkun iddedikat għall-azzjoni klimatika għandu jkun 40 %.
88. Il-Politika Agrikola Komuni għall-perijodu 2021-2027 ser tkompli tkun ibbażata fuq l-istruttura ta' żewġ pilastru:
- a) Il-Pilastru I (miżuri tas-suq u pagamenti diretti) ser jipprovdi appoġġ dirett lill-bdiewa u l-miżuri tas-suq tal-finanzi. Ser jikkontribwixxi, b'mod partikolari permezz ta' arkitettura ambjentali ġdida, għal livell oġhla ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika tal-Politika Agrikola Komuni. Il-miżuri fil-Pilastru I, bħal fil-perijodu ta' finanzjament attwali, ser jiġu ffinanzjati kompletament mill-baġit tal-UE.
 - b) Il-Pilastru II (Żvilupp Rurali) ser jipprovdi beni pubbliċi klimatiċi u ambjentali speċifiċi, itejjeb il-kompetittività tas-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija, jippromwovi d-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika u l-kwalità tal-ħajja u tax-xogħol f'żoni rurali inkluż iż-żoni b'limitazzjonijiet speċifiċi. Il-miżuri fil-Pilastru II ser jiġu kkofinanzjati mill-Istati Membri.

Pilastru I

Konverġenza Esterna

89. Il-konverġenza esterna tal-pagamenti diretti ser tkompli. L-Istati Membri kollha b'pagamenti diretti għal kull ettaru taħt id-90 % tal-medja tal-UE ser inaqqsu 50 % tad-distakk bejn il-livell attwali medju tagħhom ta' pagamenti diretti u 90 % tal-medja tal-UE f'sitt stadji ndaqs mill-2022 'il quddiem. Din il-konverġenza ser tiġi ffinanzjata b'mod proporzjonali mill-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, l-Istati Membri kollha ser ikollhom livell ta' mill-inqas EUR 200 għal kull ettaru fl-2022 u l-Istati Membri kollha għandhom jilhqqu mill-inqas EUR 215 għal kull ettaru sal-2027.

Iffissar ta' limitu massimu fuq pagamenti diretti għal bdiewa fuq skala kbira

90. Ser jiġi introdott fuq bażi volontarja l-iffissar ta' limitu massimu fuq pagamenti diretti għal benefiċjarji kbar fil-livell ta' EUR 100 000. Dan ser japplika biss għall-Appoġġ għall-Introjtu Bażiku għas-Sostenibbiltà (BISS). Meta japplikaw l-iffissar ta' limitu massimu, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż kollha relatati max-xogħol mill-ammont ta' Appoġġ għall-Introjtu Bażiku għas-Sostenibbiltà għal kull benefiċjarju.

Riżerva għall-agrikoltura u dixxiplina finanzjarja

91. Fil-bidu ta' kull sena, għandha tiġi stabbilita fil-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) riżerva maħsuba biex tagħti appoġġ lis-settur agrikolu għall-finijiet tal-ġestjoni jew l-istabbilizzazzjoni tas-suq jew fil-każ ta' kriżijiet li jolqtu l-produzzjoni jew id-distribuzzjoni agrikola ("ir-riżerva għall-agrikoltura"). L-ammont tar-riżerva għall-agrikoltura għandu jkun EUR 450 miljun fi prezzijiet kurrenti fil-bidu ta' kull sena tal-perijodu 2021-2027. L-ammonti mhux użati tar-riżerva għal kriżijiet fis-settur tal-agrikoltura fis-sena finanzjarja 2020 ser jiġu riportati għas-sena finanzjarja 2021 biex tinholq ir-riżerva (is-snin eżatti li għandhom jiġu sinkronizzati mal-perijodu tranżitorju tal-PAK). L-appropriazzjonijiet mhux impenjati tar-riżerva għall-agrikoltura għandhom jiġu riportati biex jiffinanzjaw ir-riżerva għall-agrikoltura. Fil-każ li r-riżerva tintuża, ser terġa' timtela bl-użu tad-dħul eżistenti assenjat lill-FAEG, il-marġini disponibbli skont is-sottolimitu tal-FAEG jew, bħala miżura aħharja, mill-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja.

92. Il-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja jibqa' sabiex jiżgura li jitħares is-sottolimitu tal-FAEG.

Flessibbiltà bejn il-pilastri

93. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli, bħala appoġġ addizzjonali:

- għal miżuri skont il-programmazzjoni tal-iżvilupp rurali ffinanzjata mill-FAEŻR fis-snin finanzjarji 2022-2027, sa 25 % tal-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għal pjanijiet strateġiċi wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VI għas-snin kalendarji 2021 sa 2026. B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti mhux ser jibqa' disponibbli għall-ġoti ta' pagamenti diretti. Il-limitu jista' jiżdied bi 15-il punt perċentwali dment li l-Istati Membri jużaw iż-żieda korrispondenti għal interventi ffinanzjati mill-FAEŻR li jindirizzaw objettivi speċifiċi marbutin mal-ambjent u l-klima u b'2 punti perċentwali dment li l-Istati Membri jużaw iż-żieda korrispondenti għal interventi ffinanzjati mill-FAEŻR biex jiġu appoġġati bdiewa żgħażaġh;
- sa 25 % tal-allokazzjoni tal-Istat Membru għall-FAEŻR fis-snin finanzjarji 2022-2027 għall-allokazzjoni tal-Istat Membru għall-pagamenti diretti stipulati fl-Anness IV tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għal pjanijiet strateġiċi għas-snin kalendarji 2021 sal-2026. Riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti mhux ser jibqa' disponibbli għal appoġġ fil-qafas tal-iżvilupp rurali. Il-limitu jista' jiżdied għal 30 % għall-Istati Membri b'pagamenti diretti għal kull ettaru inqas minn 90 % tal-medja tal-UE.

Pilastru II

Distribuzzjoni tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali

94. L-allokazzjoni għall-FAEŻR għall-perijodu 2021-2027 hija EUR 77 850 miljun li minnhom 0.25 % ser jintużaw għall-assistenza teknika tal-Kummissjoni. Għall-Istati Membri li jiffaċċjaw sfidi strutturali partikolari fis-settur agrikolu tagħhom jew li investew ħafna fin-nefqa tal-Pilastru II jew li jeħtieġ li jittrasferixxu ammonti kbar tal-Pilastru I sabiex jizzied il-livell ta' konverġenza, fl-ammont globali ġenerali ser isiru l-allokazzjonijiet addizzjonali li ġejjin: Belġju (EUR 100 miljun), Ġermanja (EUR 650 miljun), Irlanda (EUR 300 miljun), Greċja (EUR 300 miljun), Spanja (EUR 500 miljun), Franza (EUR 1 600 miljun), Kroazja (EUR 100 miljun), Italja (EUR 500 miljun), Ċipru (EUR 50 miljun), Malta (EUR 50 miljun), Awstrija (EUR 250 miljun), Slovakkja (EUR 200 miljun), Slovenja (EUR 50 miljun), Portugall (EUR 300 miljun), Finlandja (EUR 400 miljun).

Prefinanzjament tal-iżvilupp rurali

95. Għandu jitħallas prefinanzjament inizjali f'pagamenti parzjali kif ġej:
- a) fl-2021*: 1 % tal-ammont tal-appoġġ mill-FAEŻR għad-durata kollha tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;
 - b) fl-2022*: 1 % tal-ammont tal-appoġġ mill-FAEŻR għad-durata kollha tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;
 - c) fl-2023*: 1 % tal-ammont tal-appoġġ mill-FAEŻR għad-durata kollha tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

* (Is-snin eżatti li għandhom jiġu sinkronizzati mal-perijodu tranżitorju tal-PAK).

Rati ta' kofinanzjament għall-appoġġ għall-iżvilupp rurali

96. Ir-rata ta' kontribuzzjoni massima tal-FAEŻR, li għandha tiġi stabbilita fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, għandha tkun:
- a) 80 % tal-infiq pubbliku eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer żgħar tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 229/2013;
 - b) 85 % tal-infiq pubbliku eliġibbli fir-reġjuni inqas żviluppati;
 - c) 60 % tal-infiq pubbliku eliġibbli fir-reġjuni fi tranżizzjoni;
 - d) 65 % tal-infiq eliġibbli għal pagamenti għal limitazzjonijiet naturali jew limitazzjonijiet oħrajn speċifiċi għaż-żoni;
 - e) 43 % tal-infiq pubbliku eliġibbli fir-reġjuni l-oħrajn.

Ir-rata ta' kontribuzzjoni minima tal-FAEŻR għandha tkun ta' 20 %. Għandha tapplika rata ta' kofinanzjament oġġla ta' 80 % għal impenji ambjentali, klimatiċi u impenji oħrajn ta' ġestjoni; għal żvantaġġi speċifiċi għaż-żoni li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji; għal investimenti mhux produttivi; għal appoġġ għas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni u għal LEADER. Japplika kofinanzjament ta' 100 % għall-fondi trasferiti lill-FAEŻR.

Regoli ta' diżimpenn

97. Il-Kummissjoni għandha awtomatikament tagħmel diżimpenn ta' kwalunkwe porzjon ta' impenn baġitarju għal interventi fl-iżvilupp rurali fi Pjan Strateġiku tal-PAK li ma jkunx intuża sal-31 ta' Diċembru tat-tieni sena wara dik tal-impenn baġitarju għall-prefinanzjament jew biex isiru pagamenti interim b'rabta ma' nfiq li jkun sar.

o

o o

98. Il-finanzjament taħt din l-Intestatura ser jappoġġa wkoll il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, li għandu fil-mira l-finanzjament għall-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), il-politika marittima tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali tal-Unjoni fil-qasam tal-governanza tal-oċeani, partikolarment fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. Għaldaqstant ser jappoġġa s-sajd u l-akkwakultura sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, kif ukoll il-komunitajiet lokali li jiddependu minnu.
99. L-Intestatura ser tkompli tiffinanzja l-programm għall-ambjent u l-azzjoni klimatika, LIFE, li ser jagħti appoġġ addizzjonali għall-konservazzjoni tal-bijodiversità, inkluż Natura 2000, u għat-trasformazzjoni tal-Unjoni f'soċjetà nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-enerġija, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżiljenti għall-klima.
100. Sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-oġettiv li tintlaħaq newtralità klimatika tal-UE sal-2050, ser jinħoloq Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, inkluż Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. L-allokazzjoni għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għall-perijodu 2021-2027 hija ta' EUR 7 500 miljun. Il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta ser ikun skont il-proposta tal-Kummissjoni, inkluż ammont massimu u tnaqqis proporzjonat fil-minimu tal-intensità tal-għajnuna. L-aċċess għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta ser ikun limitat għal 50 % tal-allokazzjoni nazzjonali għall-Istati Membri li jkunu għadhom ma impenjawx ruħhom li jimplimentaw l-oġettiv li tinkiseb UE newtrali għall-klima sal-2050, skont l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, bil-50 % l-oħra issir disponibbli mal-aċċettazzjoni ta' tali impenn.

INTESTATURA 4 - MIGRAZZJONI U ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

101. Din l-Intestatura tiffinanzja miżuri marbutin mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, il-migrazzjoni u l-ażil, u b'hekk tagħti kontribut għat-twettiq tal-aġenda ta' Bratislava u ta' Ruma. L-azzjoni koordinata fil-livell tal-UE tagħti valur miżjud sinifikanti tal-UE peress li l-kontroll effettiv tal-fruntieri esterni huwa prerekwiżit biex tiġi żgurata ġestjoni aktar effiċjenti tal-migrazzjoni u livell għoli ta' sigurtà interna filwaqt li jitħares il-prinċipju tal-moviment liberu ta' persuni u oġġetti fi ħdan l-Unjoni. Il-Programmi taħt din l-Intestatura ser jgħinu lill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jwettqu approċċ komprensiv għall-migrazzjoni b'mod effettiv.
102. L-appropriazzjonijiet ta' impenn għal din l-Intestatura mhumix ser jaqbuż EUR 22 671 miljun:

MIGRAZZJONI U ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
2 324	2 811	3 164	3 282	3 672	3 682	3 736

Migrazzjoni

103. Il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni ser jappoġġa l-ħidma tal-Istati Membri biex jagħtu akkoljenza lill-persuni li jfittxu ažił u biex jipprovdu miżuri ta' integrazzjoni. Ser jappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' politika komuni dwar l-ažił u l-migrazzjoni u jiffaċilita l-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni esterna, inkluż ritorni u kooperazzjoni msaħħa ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk li għandhom fruntieri mal-UE jew qrib il-fruntieri tal-UE. Ser jiġu żgurati sinerġiji mal-politika ta' koeżjoni, li tappoġġa l-integrazzjoni soċjoekonomika, mal-politika esterna, li tindirizza d-dimensjoni esterna, inkluż il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, u permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà.

104. L-allokazzjoni għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni għall-perijodu 2021-2027 hija EUR 8 705 miljun u għandha tintuża kif ġej:

- a) EUR 5 523 miljun ser jiġu allokati għall-programmi nazzjonali implimentati taħt ġestjoni kondiviża;
- b) EUR 3 182 miljun ser jiġu allokati għall-faċilità tematika.

Il-faċilità tematika tinkludi komponent dedikat u sinifikanti għal azzjonijiet imfassla apposta biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni esterna.

L-allokazzjonijiet lill-Istati Membri ser ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi marbutin mal-ażil, il-migrazzjoni legali u l-integrazzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari inkluż ir-ritorni u ser jiġu aġġornati fl-2024 b'effett mill-2025 fuq il-bażi tad-data statistika l-aktar reċenti li tkun disponibbli.

Ġestjoni tal-Fruntieri

105. Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri ser jagħti appoġġ għar-responsabbiltà kondiviża biex il-fruntieri esterni jinżammu siguri filwaqt li jiġihares il-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-Unjoni, u ser jiffaċilita l-kummerċ leġittimu, u b'hekk jagħti kontribut għal unjoni doganali sigura u effiċjenti. Ser tiġi żgurata sinerġija mal-istrumenti ta' politika esterna, sabiex jingħata kontribut għall-ħarsien tal-fruntieri u l-ġestjoni tal-migrazzjoni esterna permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

106. Fid-dawl tal-ħtiġijiet speċjali ta' dawk l-Istati Membri li kellhom l-akbar numru ta' applikazzjonijiet għal ażil per capita fl-2018 u l-2019, huwa xieraq li l-ammonti fissi għal Ċipru, Malta u l-Greċja jiżdiedu għal EUR 25 miljun fil-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni u għal EUR 25 miljun fil-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri.

107. L-allokkazzjoni għall-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-perijodu 2021-2027 hija ta' EUR 5 505 miljun, u għandha tintuża kif ġej:

- a) EUR 893 miljun għall-istrument għall-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali;
- b) EUR 4 612 miljun għall-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża, li minnhom:
 - EUR 3 228 miljun ser jiġu allokati għall-programmi nazzjonali taħt ġestjoni kondiviża, li minnhom EUR 189 miljun għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali;
 - EUR 1 384 miljun ser jiġu allokati għall-faċilità tematika.

Il-faċilità tematika tinkludi komponent dedikat u sinifikanti għal azzjonijiet imfassla apposta biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni esterna.

L-allokkazzjonijiet lill-Istati Membri taħt (b) ser ikunu msejsin fuq kriterji oġġettivi marbutin mal-fruntieri esterni fuq l-art, il-fruntieri esterni fuq il-baħar, l-ajruporti u l-uffiċċji konsulari u ser jiġu aġġornati fl-2024 b'effett mill-2025 fuq il-bażi tad-data statistika l-aktar reċenti disponibbli għal dawn il-kriterji.

108. Dawn il-miżuri ser jiġu kkomplementati minn Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta msaħħa, b'pakkett totali ta' EUR 5 148 miljun, u permezz ta' żieda fil-kontribuzzjonijiet in natura tal-Istati Membri biex jappoġġaw lill-Istati Membri l-aktar esposti.

INTESTATURA 5 - SIGURTÀ U DIFIŻA

109. L-azzjonijiet taħt din l-Intestatura jikkostitwixxu programmi mmirati lejn is-sigurtà u d-difiża fejn il-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni toffri valur miżjud għoli, li jirriflettu s-sitwazzjoni ġeopolitika mibdula u l-prijoritajiet politiċi ġodda tal-UE. Dan jinkludi azzjonijiet marbutin mas-sigurtà interna, rispons għall-kriżijiet u d-dekummissjonar nukleari kif ukoll azzjonijiet fil-qasam tad-difiża.
110. Il-livell ta' impenji għal din l-Intestatura mhux ser jaqbeż EUR 13 185 miljun:

INTESTATURA 5 - SIGURTÀ U DIFIŻA						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
1 700	1 725	1 737	1 754	1 928	2 078	2 263

Sigurtà

111. Il-finanzjament minn din l-Intestatura ser jappoġġa l-Fond għas-Sigurtà Interna, li ser jikkontribwixxi biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni b'mod partikolari billi jipprevjeni u jindirizza t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità serja u organizzata u ċ-ċiberkriminalità kif ukoll billi jgħin u jħares lill-vittmi tal-kriminalità. Ser jiffinanzja wkoll azzjonijiet iddedikati għall-ġestjoni tal-migrazzjoni esterna b'rabta mal-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.

112. L-allokazzjoni għall-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perijodu 2021-2027 hija ta' EUR 1 705 miljun, u għandha tintuża kif ġej:

- a) EUR 1 194 miljun ser jiġu allokati għall-programmi nazzjonali implimentati taħt ġestjoni kondiviża;
- b) EUR 511 miljun ser jiġu allokati għall-faċilità tematika.

Il-faċilità tematika tinkludi komponent dedikat u sinifikanti għal azzjonijiet imfassla apposta biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni esterna.

113. Sabiex tiġi appoġġata s-sikurezza nukleari fl-Ewropa, ser jingħata appoġġ speċifiku għad-dekummissjonar tal-impjanti tal-enerġija nukleari li ġejjin:

- EUR 490 miljun għal Ignalina fil-Litwanja għall-perijodu 2021 - 2027 b'rata ta' kontribuzzjoni tal-UE ta' 86 %;
- EUR 50 miljun għal Bohunice fis-Slovakkja għall-perijodu 2021 - 2025 b'rata ta' kontribuzzjoni massima tal-UE ta' 50 %;
- EUR 57 miljun għal Kozloduy fil-Bulgarija għall-perijodu 2021 - 2027 b'rata ta' kontribuzzjoni massima tal-UE ta' 50 %.

Barra minn hekk, ser jiġu pprovduti EUR 448 miljun għas-sikurezza nukleari u d-dekummissjonar tal-installazzjonijiet tal-UE stess.

114. L-ammont għall-Europol ser ikun tal-inqas 10 % oġġla mil-livell tal-2020 f'termini reali.

Difiża

115. Il-finanzjament minn din l-Intestatura ser jinkludi wkoll kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 7 014 miljun għall-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) li għandu l-għan li jrawwem il-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea li tappoġġa azzjonijiet kollaborattivi u kooperazzjoni transkonfinali madwar l-Unjoni, f'kull stadju taċ-ċiklu industrijali tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża. It-tfassil tal-programm ser jiżgura l-parteċipazzjoni ta' industrij tad-difiża ta' kull daqs, inkluż l-SMEs u l-kumpanniji b'kapitalizzazzjoni medja, madwar l-Unjoni, biex b'hekk jissaħħu u jitjiebu l-ktajjen tal-provvista u tal-valur fil-qasam tad-difiża. Għandu jagħti kontribut għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea u l-kapaċità tagħha li taħdem ma' sħab strateġiċi u tappoġġa proġetti konsistenti mal-prijoritajiet ta' kapaċitajiet tad-difiża miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri, inkluż fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet.
116. Ser tingħata kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 500 miljun lill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa biex tadatta n-netwerks TEN-T għall-ħtiġijiet tal-mobbiltà militari.

INTESTATURA 6 - IL-VIĊINAT U D-DINJA

117. Din l-Intestatura tiffinanzja l-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-assistenza għal pajjiżi li qed iħejju għall-adeżjoni mal-Unjoni. Koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-politika esterna u dik interna ser tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, l-Istrateġija Globali tal-UE, il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, il-Politika Ewropea tal-Viċinat, kif ukoll id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, inkluż il-Qafas ta' Sħubija ma' pajjiżi terzi dwar il-migrazzjoni. Politika esterna modernizzata ser turi l-valur miżjud tal-UE billi żżid l-effettività u l-viżibbiltà u billi l-Unjoni tkun attrezzata aħjar biex taħdem għall-miri u l-valuri tagħha globalment, f'koordinazzjoni b'saħħitha mal-Istati Membri.
118. L-infiq għall-Afrika Sub-Saħarjana, il-Karibew u l-Paċifiku li bħalissa jiġi ffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ser jiġi integrat f'din l-Intestatura.
119. L-appropriazzjonijiet ta' impenn għal din l-Intestatura mhumieq ser jaqbuż EUR 98 419 miljun:

IL-VIĊINAT U D-DINJA						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
15 309	15 522	14 789	14 056	13 323	12 592	12 828

Azzjoni esterna

120. Sabiex jiżdiedu l-koerenza, it-trasparenza, il-flessibbiltà u l-effettività tal-kooperazzjoni esterna tal-UE, il-biċċa l-kbira tal-istrumenti eżistenti ser jingħaqdu fi Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali b'pakkett finanzjarju totali ta' EUR 70 800 miljun, li minnhom:
- i. Programmi ġeografiċi: EUR 53 805 miljun, li minnhom tal-inqas EUR 17 217 miljun għall-Viċinat, filwaqt li jinżamm bilanċ ġeografiku adegwat, u tal-inqas EUR 26 000 miljun għall-Afrika Sub-Saħarjana;
 - ii. EUR 5 665 miljun għal programmi tematiċi;
 - iii. EUR 2 835 miljun għal azzjonijiet ta' rispons rapidu;
 - iv. EUR 8 495 miljun għar-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti biex jiġu indirizzati ċirkostanzi mhux previsti, ħtiġijiet ġodda jew sfidi emerġenti, bħal sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' wara kriżi jew pressjoni migratorja, jew biex jiġu promossi inizzjattivi jew prijoritajiet ġodda mmexxija mill-Unjoni jew fuq livell internazzjonali.
121. F'kondizzjonijiet simili għal dawk tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp attwali, u għall-perijodu 2021-2027, l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati taħt dan l-istrument ser jiġu riportati awtomatikament għas-sena finanzjarja ta' wara u l-appropriazzjonijiet diżimpenjati jistgħu jergħu jsiru disponibbli.
122. Il-finanzjament estern ser ikun soġġett għal regoli dwar il-kondizzjonalità, inkluż għar-rispett tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali.
123. L-allokazzjoni għall-Istrument għall-Għajnuna Umanitarja, li jagħti assistenza tal-UE biex jiġu salvati u ppreservati haġġiet, tiġi pprevenuta t-tbatija umana, u jitħarsu l-popolazzjonijiet milqutin minn diżastri naturali jew kriżijiet maħluqa mill-bniedem, ser tkun ta' EUR 9 760 miljun.

124. L-azzjoni esterna ser tiffinanzja wkoll kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 2 375 miljun għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u EUR 444 miljun għall-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej, fosthom Greenland.

Assistenza ta' qabel l-adeżjoni

125. L-allokazzjoni għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, li jappoġġa l-benefiċjarji fuq triqithom biex jissodisfaw il-kriterji tal-adeżjoni, ser tkun ta' EUR 12 565 miljun.

Il-Faċilità Ewropea għall-Paċi

126. Ser tiġi stabbilita Faċilità Ewropea għall-Paċi bħala strument barra l-baġit biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża li l-Kunsill jista' jiddeċiedi, u li tiegħu post il-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika u l-mekkaniżmu Athena attwali. Il-limitu massimu finanzjarju għall-Faċilità għall-perijodu 2021-2027 ser ikun ta' EUR 5 000 miljun u ser jiġi ffinanzjat bħala punt barra l-baġit barra mill-QFP permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri bbażati fuq koeffiċjent tad-distribuzzjoni tad-DNG.

INTESTATURA 7 - AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA

127. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea ferm professjonali, irreklutata fuq il-bażi ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli, taqdi rwol kruċjali fl-appoġġ tal-Unjoni lejn it-twertiq tal-prijoritajiet tagħha u timplimenta politiki u programmi fl-interess Ewropew komuni. Fl-istess waqt, filwaqt li jitfakkru l-isforzi preċedenti ta' riforma u dawk li għaddejjin bħalissa, iċ-ċittadini Ewropej jistennew li kull amministrazzjoni pubblika u l-persunal tagħha jaħdmu bl-aktar mod effiċjenti possibbli. Fil-kuntest ta' Unjoni ta' 27 Stat Membru jeħtieġ li dawn ir-riformi kontinwament jiġu kkonsolidati u li l-effiċjenza u l-effettività tal-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea jittejbu b'mod kostanti.
128. L-approprijazzjonijiet ta' impenn għal din l-Intestatura, li tikkonsisti mill-infiq amministrattiv tal-istituzzjonijiet u l-iskejjel u l-pensjonijiet Ewropej, mhumiex ser jaqbżu EUR 73 102 miljun:

AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
10 021	10 215	10 342	10 454	10 554	10 673	10 843
li minnhom: infiq amministrattiv tal-istituzzjonijiet						
7 742	7 878	7 945	7 997	8 025	8 077	8 188

Il-limiti massimi ser jiġu ffissati b'tali mod li jiġu evitati marġini eċċessivi u li jiġu riflessi l-aġġustamenti mistennija għas-salarji, il-progress tal-karrieri, l-ispejjeż tal-pensjonijiet u suppożizzjonijiet rilevanti oħra.

129. L-infiq fuq l-appoġġ tal-programm jenħtieġ li jkompli ikun marbut mal-infiq operazzjonali fi ħdan il-pakketti tal-programmi jew il-qasam ta' politika rispettiv skont il-prattika attwali u tal-passat. Biex jiżdiedu t-trasparenza u l-kontroll, l-infiq amministrattiv u ta' appoġġ għall-programmi jenħtieġ li tiġi ssorveljata u rrapportata fl-Intestaturi kollha regolarment u b'mod komprensiv. Fil-kuntest ta' Unjoni ta' 27 Stat Membru, l-istituzzjonijiet kollha tal-UE jenħtieġ li jadottaw approċċ komprensiv u mmirat fir-rigward tal-ġhadd ta' membri tal-persunal u huma mistiedna jnaqqsu l-infiq amministrattiv fejn ikun possibbli.
130. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE u l-amministrazzjonijiet tagħhom jenħtieġ li jwettqu eżami analitiku regolari tal-persunal li jiżgura li r-riżorsi tal-persunal fil-livell attwali qed jintużaw bl-aħjar mod possibbli u jenħtieġ li jkomplu jippruvaw iżidu l-effiċjenza fl-infiq mhux marbut mas-salarji, inkluż billi japprofondixxu l-kooperazzjoni interistituzzjonali, bħal fil-qasam tal-IT, tal-akkwist u tal-bini, u billi jiffriżaw l-infiq mhux marbut mas-salarji.
131. Filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-pakkett ta' riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-2013 fih dispożizzjonijiet ċari u preċiżi, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni meħtieġa tar-riforma attwali għandhom iservu ta' bażi għal kwalunkwe reviżjoni sussegwenti possibbli tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-Kummissjoni mistiedna biex fl-evalwazzjoni u l-proposti sussegwenti possibbli tagħha tindirizza kwistjonijiet bħall-progress tal-karrieri, id-daqs u d-durata tal-allowances, l-adegwatezza tas-sistema tat-taxxa, l-imposta ta' solidarjetà kif ukoll is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet.
132. Biex ikompli jiġi kkontrollat u ġestit l-infiq amministrattiv, iż-żidiet u l-miżuri ta' effiċjenza applikati f'amministrazzjonijiet komparabbli jistgħu jservu bħala punt ta' referenza.

o

o o

Flessibbiltà: Strumenti Speċjali Tematiċi

133. Il-flessibbiltà ser tiġi pprovduta ukoll permezz ta' Strumenti Speċjali tematiċi dedikati li jipprovdu mezzi finanzjarji addizzjonali li jirrispondu għal avvenimenti speċifiċi mhux previsti. Hija fin-natura ta' dawn l-istrumenti li jintużaw biss f'każ ta' bżonn. Għalhekk għandhom jiġu ddefiniti kriterji ċari għall-mobilizzazzjoni tagħhom. Fl-ispirtu tal-għan ġenerali biex jiġi kkonsolidat u razzjonalizzat l-infiq tal-UE, id-duplikazzjoni kemm bejn dawn l-istrumenti kif ukoll ma' programmi ta' nfiq jenħtieġ li tiġi evitata u tiġi esplorata aktar sinerġija. Ir-regoli kumplessi għall-allokazzjoni mill-ġdid ta' ammonti bejn l-istrumenti u r-riport ta' ammonti mhux użati għas-snin ta' wara jenħtieġ li jiġu ssimplifikati u armonizzati.
134. Mingħajr preġudizzju għall-Istrument ta' Marġini Uniku, l-ammont totali massimu tal-Istrumenti Speċjali għall-2021-2027 barra mil-limiti massimi ser ikun ta' EUR 20 106 miljun, biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati prijoritajiet ġodda u avvenimenti mhux previsti fid-dawl tas-sitwazzjoni li qed tinbidel b'mod rapidu wara l-COVID-19, li minnhom EUR 5 000 miljun ser ikunu disponibbli għal Riżerva ta' Aġġustament speċjali ġdida għall-Brexit li għandha tiġi stabbilita biex jingħelbu l-konsegwenzi negattivi fl-Istati Membri u s-setturi l-aktar affettwati ħażin. Il-Kummissjoni mistiedna tippreżenta proposta sa Novembru 2020.
135. Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, strument ta' solidarjetà u ta' għajjnuna ta' emerġenza li joffri assistenza ta' darba biex jgħin lill-ħaddiema li jitilfu l-impjieg tagħhom minħabba avvenimenti ta' ristrutturar marbutin mal-globalizzazzjoni inkluż daww minħabba l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (prezzijiet tal-2018). L-ammonti ser jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għal impenji u pagamenti.

136. Pakkett ġdid ta' Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR) jenħtieġ li jkopri l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) attwali u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (EAR). Dan jista' jintuża bħala rispons għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jirriżultaw minn diżastri kbar fl-Istati Membri u pajjiżi ta' adeżjoni taħt il-FSUE, u għal rispons rapidu għal ħtiġijiet ta' emerġenza speċifiċi fl-UE jew f'pajjiżi terzi wara avvenimenti li ma setgħux ikunu previsti, b'mod partikolari rispons ta' emerġenza u kriżijiet umanitarji (Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza). Jenħtieġ li jiġu definiti kriterji u modalitajiet ċari għall-użu tagħha.

L-ammont annwali tar-Riżerva huwa ffissat għal EUR 1 200 miljun (prezzijiet tal-2018). Id-deċiżjoni dwar it-trasferimenti li tippermetti li din tiġi mobilizzata għandha tittieħed mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni. Ir-Riżerva għandha tiddaħħal bħala dispożizzjoni fil-baġit ġenerali tal-Unjoni. L-ammont annwali jista' jintuża sas-sena $n + 1$. L-ammont li jirriżulta mis-sena preċedenti għandu jintuża l-ewwel.

L-ammonti ser jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għal impenji u pagamenti.

Sal-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas kwart mill-ammont annwali għas-sena n għandu jibqa' disponibbli biex ikopri ħtiġijiet li jitfaċċaw sa tmiem dik is-sena. Sa mill-1 ta' Ottubru, il-parti li tifdal mill-ammont disponibbli tista' tiġi mobilizzata għal operazzjonijiet interni jew esterni sabiex jiġu koperti ħtiġijiet li jitfaċċaw sa tmiem dik is-sena.

Flessibbiltà: Strumenti Speċjali Mhux Tematiċi

137. Il-Marġini Globali għall-Impenji (GMC), il-Marġini Globali għall-Pagamenti (GMP) u l-Marġini ta' Kontinġenza (CM) ser jiġu sostitwiti minn Strument ta' Marġini Uniku (SMI). Dan l-istrument ser ikun jista' juża l-impenji u/jew pagamenti billi jirreferi għal:

- Fl-ewwel każ, il-marġnijiet ta' waħda jew iktar mill-Intestaturi tal-QFP li jkunu għandhom disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP mis-snin finanzjarji preċedenti sa mis-sena 2021, li għandhom isiru disponibbli fis-snin 2021-2027 u li għandhom jpaċu b'mod sħiħ mal-marġnijiet tas-snin finanzjarji preċedenti rispettivi.

- Unikament jekk l-ammonti disponibbli skont l-ewwel inċiż, jekk ikun hemm, u bħala l-aħħar rimedju, ikunu insuffiċjenti, ammont addizzjonali li għandu jpaċi b'mod sħiħ mal-marġnijiet għal snin finanzjarji attwali jew futuri. L-ammonti hekk ikkumpensati ma għandhomx jiġu mobilizzati aktar fil-kuntest tal-QFP.

Bl-eċċezzjoni tal-marġnijiet ta' pagament imsemmija fl-ewwel inċiż, l-ammonti jistgħu jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi annwali rispettivi fir-rigward ta' baġit emendatorju jew annwali sabiex jippermettu l-finanzjament ta' nfiq speċifiku mhux previst li ma setax jiġi ffinanzjat fil-limiti massimi disponibbli. Għall-marġini ta' pagament imsemmija fl-ewwel inċiż, il-Kummissjoni għandha taġġusta 'l fuq il-limitu massimu ta' pagament għas-snin 2022-2027 b'ammonti ekwivalenti għad-differenza bejn il-pagamenti eżegwiti u l-limitu massimu ta' pagament tal-QFP tas-sena n-1 bħala parti mill-aġġustament tekniku annwali tal-qafas finanzjarju.

L-ammont annwali totali mobilizzat għal dan l-istrument fir-rigward ta' baġit emendatorju jew annwali ma għandux jaqbeż 0.04 % tad-DNG tal-UE f'impenji u 0.03 % tad-DNG tal-UE f'pagamenti, u għandu jkun konsistenti mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji.

Barra minn hekk, l-aġġustament annwali 'l fuq tal-limitu massimu ta' pagament ma għandux jaqbeż l-ammonti li ġejjin (fi prezzijiet tal-2018) għas-snin 2025-2027 meta mqabbel mal-limitu massimu tal-pagament oriġinali tas-snin rilevanti:

2025 – EUR 8 000 miljun

2026 – EUR 13 000 miljun

2027 – EUR 15 000 miljun.

138. L-istrument ta' Flessibilità ser ikun strument mhux tematiku li jippermetti l-finanzjament ta' nfiq speċifiku mhux previst f'impenji u pagamenti korrispondenti li ma setax jiġi ffinanzjat mod ieħor. Il-limitu annwali tal-istrument ta' Flessibilità ser ikun stabbilit għal EUR 772 miljun (prezzijiet tal-2018). L-ammont annwali jista' jintuża sas-sena n +2. L-ammont li jirriżulta mis-snin preċedenti għandu jintuża l-ewwel, skont iż-żmien.

L-ammonti ser jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għal impenji u pagamenti.

139. Mhu ser ikun hemm l-ebda finanzjament għal strumenti speċjali minn diżimpenji.

o

o o

III. TAQSIMA II: DĦUL

140. L-arranġamenti għar-riżorsi proprji jenħtieġ li jkunu ggwidati mill-obiettivi ġenerali ta' sempliċità, trasparenza u ekwità, inkluż il-qsim ġust tal-piżijiet. L-ammont totali ta' riżorsi proprji allokat lill-baġit tal-Unjoni biex ikopri approprjazzjonijiet ta' pagament annwali ma għandux jaqbeż il-1.40 % tat-total tad-DNG kollu tal-Istati Membri. L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn annwali ma għandux jaqbeż il-1.46 % tat-total tal-DNG kollu tal-Istati Membri. Għandu jinżamm proporzjon ordnat bejn approprjazzjonijiet ta' impenn u approprjazzjonijiet ta' pagament.
141. Is-sistema l-ġdida ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ser tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara l-wasla tan-notifika tat-tlestija tal-proċeduri għall-adozzjoni tagħha mill-aħħar Stat Membru. L-elementi kollha tagħha ser japplikaw b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2021. L-Istati Membri ser jipproċedu bl-approvazzjoni tad-Deċiżjoni l-ġdida dwar ir-Riżorsi Proprji malajr kemm jista' jkun, skont il-ħtiġiet kostituzzjonali nazzjonali tagħhom.
142. Fir-rigward tar-Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex isiru disponibbli r-riżorsi proprji u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti, il-Kummissjoni hija mistiedna tivvaluta l-preżentazzjoni ta' proposta għar-reviżjoni tagħha sabiex tindirizza l-isfidi fir-rigward li jsiru disponibbli r-riżorsi proprji.

Riżorsi proprji tradizzjonali

143. Mill-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri għandhom iżommu, bħala spejjeż tal-ġbir, 25 % tal-ammonti miġburin minnhom.

Riż orsa proprja bbaż ata fuq il-VAT

144. Ir-riżorsa proprja attwali bbażata fuq il-VAT ser tinbidel bil-metodu alternattiv simplifikat u rfinat tal-Kummissjoni minn Jannar 2019 b'rata uniformi ta' 0.3 % li ser tapplika għall-bażijiet tal-VAT tal-Istati Membri kollha determinati skont il-metodoloġija rfinata proposta mill-Kummissjoni. Għal kull Stat Membru, il-bażi tal-VAT li għandha titqies għal dan l-għan ma għandhiex taqbeż il-50 % tad-Dħul Nazzjonali Gross.

Riż orsi Proprja Ġ odda

145. Matul is-snin li ġejjin, l-Unjoni ser taħdem biex tirriforma s-sistema tar-riżorsi proprji u tintroduċi riżorsi proprji ġ odda.
146. Bħala l-ewwel pass, ser tiġi introdotta riżorsa proprja ġ dida li ser tapplika mill-1 ta' Jannar 2021 magħmula minn sehem ta' dħul minn kontribuzzjoni nazzjonali kkalkulata fuq il-piż ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik mhux irriċiklat b'rata ta' ġbir ta' EUR 0.80 għal kull kilogramma b'mekkaniżmu biex jiġi evitat impatt eċċessivament rigressiv fuq il-kontribuzzjonijiet nazzjonali.
147. Bħala riżorsi proprji addizzjonali, il-Kummissjoni ser tressaq fl-ewwel semestru tal-2021 proposti dwar mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera u dwar imposta diġitali bil-ħsieb tal-introduzzjoni tagħhom sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023.
148. Il-Kummissjoni mistiedna tressaq proposta riveduta dwar l-ETS, billi possibbilment testendiha għall-avjazzjoni u s-settur marittimu.
149. Fl-aħħar nett, matul il-QFP li jmiss, l-Unjoni ser taħdem biex tintroduċi riżorsi proprji oħra, li jistgħu jinkludu Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji.
150. Ir-rikavati mir-riżorsi proprji l-ġ odda introdotti wara l-2021 ser jintużaw għall-ħlas lura antiċipat tas-self tan-Next Generation EU. Il-Kummissjoni mistiedna tipproponi reviżjoni tal-QFP għal dan il-għan fi żmien debitu.

Riż orsa proprja bbaż ata fuq id-DNG

151. Il-metodu ta' applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir biex jiġu determinati l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għar-riżorsa proprja eżistenti bbażata fuq id-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) ser jibqa' l-istess, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 152.

Korrezzjonijiet

152. Għall-perjodu 2021-2027, il-korrezzjonijiet ta' somma f'daqqa ser inaqqsu l-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq id-DNG tad-Danimarka, tan-Netherlands, tal-Awstrija u tal-Iżvezja, u fil-kuntest tal-appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll tal-Ġermanja. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jibbenefikaw minn tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali tagħhom ibbażata fuq id-Dħul Nazzjonali Gross fi prezzijiet tal-2020 ta':

- Danimarka: EUR 377 miljun;
- Ġermanja: EUR 3 671 miljun;
- In-Netherlands: EUR 1 921 miljun;
- Awstrija: EUR 565 miljun;
- Żvezja: EUR 1 069 miljun.

153. Dan it-tnaqqis gross għandu jiġi ffinanzjat mill-Istati Membri kollha skont id-DNG tagħhom.

QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (UE-27)*(EUR miljun - prezzijiet attwali)*

Appropriazzjonijiet ta' impenn	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total 2021-2027
1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	20.919	21.288	21.125	20.984	21.272	21.847	22.077	149.512
2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	52.786	55.314	57.627	60.761	63.387	66.536	70.283	426.694
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	48.191	49.739	51.333	53.077	54.873	56.725	58.639	372.577
2b. Reżiljenza u Valuri	4.595	5.575	6.294	7.684	8.514	9.811	11.644	54.117
3. Riżorsi Naturali u Ambjent	58.624	56.519	56.849	57.003	57.112	57.332	57.557	400.996
Li minnhom: Infqj relatat mas-suq u pagamenti diretti	40.925	41.257	41.518	41.649	41.782	41.913	42.047	291.091
4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	2.467	3.043	3.494	3.697	4.218	4.315	4.465	25.699
5. Sigurtà u Difiża	1.805	1.868	1.918	1.976	2.215	2.435	2.705	14.922
6. Viċinat u d-Dinja	16.247	16.802	16.329	15.830	15.304	14.754	15.331	110.597
7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	10.635	11.058	11.419	11.773	12.124	12.506	12.959	82.474
Li minnhom: Infqj amministrattiv tal-istituzzjonijiet	8.216	8.528	8.772	9.006	9.219	9.464	9.786	62.991
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	163.483	165.892	168.761	172.024	175.632	179.725	185.377	1.210.894

TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT	166.140	167.585	165.542	168.853	172.230	175.674	179.187	1.195.211
---	----------------	----------------	----------------	----------------	----------------	----------------	----------------	------------------

BARRA MILL-QFP	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total 2021-2027
Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza	1.273	1.299	1.325	1.351	1.378	1.406	1.434	9.467
Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)	197	201	205	209	214	218	222	1.467
Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	5.306
Strument ta' flessibilità	819	836	852	869	887	905	923	6.091
TOTAL BARRA MILL-QFP	2.290	2.336	2.383	2.430	2.479	2.528	2.579	22.331
TOTAL QFP + BARRA MILL-QFP	165.773	168.228	171.144	174.454	178.111	182.253	187.956	1.233.225

*It-total għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit fi prezzijiet attwali huwa bbażat fuq deflatur ta' 2 % u jassumi li l-pakkett kollu jkun disponibbli fi-2021. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-proposta legali futura.

QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (UE-27)

(EUR miljun - prezzijiet tal-2018)

Appropriazzjonijiet ta' impenn	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total 2021-2027
1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	19.712	19.666	19.133	18.633	18.518	18.646	18.473	132.781
2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	49.741	51.101	52.194	53.954	55.182	56.787	58.809	377.768
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	45.411	45.951	46.493	47.130	47.770	48.414	49.066	330.235
2b. Reżiljenza u Valuri	4.330	5.150	5.701	6.824	7.412	8.373	9.743	47.533
3. Riżorsi Naturali u Ambjent	55.242	52.214	51.489	50.617	49.719	48.932	48.161	356.374
Li minnhom: Infiq relatat mas-suq u pagamenti diretti	38.564	38.115	37.604	36.983	36.373	35.772	35.183	258.594
4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	2.324	2.811	3.164	3.282	3.672	3.682	3.736	22.671
5. Sigurtà u Difiża	1.700	1.725	1.737	1.754	1.928	2.078	2.263	13.185
6. Viċinat u d-Dinja	15.309	15.522	14.789	14.056	13.323	12.592	12.828	98.419
7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	10.021	10.215	10.342	10.454	10.554	10.673	10.843	73.102
Li minnhom: Infiq amministrattiv tal-istituzzjonijiet	7.742	7.878	7.945	7.997	8.025	8.077	8.188	55.852
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	154.049	153.254	152.848	152.750	152.896	153.390	155.113	1.074.300

TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT	156.557	154.822	149.936	149.936	149.936	149.936	149.936	1.061.058
---	----------------	----------------	----------------	----------------	----------------	----------------	----------------	------------------

BARRA MILL-QFP	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total 2021-2027
Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza	1.200	1.200	1.200	1.200	1.200	1.200	1.200	8.400
Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)	186	186	186	186	186	186	186	1.302
Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	5.000
Strument ta' flessibilità	772	772	772	772	772	772	772	5.404
TOTAL BARRA MILL-QFP	2.158	2.158	2.158	2.158	2.158	2.158	2.158	20.106

TOTAL QFP + BARRA MILL-QFP	156.207	155.412	155.006	154.908	155.054	155.548	157.271	1.094.406
-----------------------------------	----------------	----------------	----------------	----------------	----------------	----------------	----------------	------------------